European Asylum Support Office

# Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

Jannar 2017

SUPPORT IS OUR MISSION

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefon ċellulari ma jagħtux aċċess għan-numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Print ISBN 978-92-9494-663-8 doi:10.2847/421657 BZ-06-16-228-MT-C
PDF ISBN 978-92-9494-629-4 doi:10.2847/043945 BZ-06-16-228-MT-N

© Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil 2017

La l-EASO u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

European Asylum Support Office

# Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

Jannar 2017

SUPPORT IS OUR MISSION

# Introduzzjoni għall-Gwida Prattika dwar l-Esklużjoni

***Għaliex inħolqot din il-gwida prattika?*** Il-gwida prattika tal-EASO "Esklużjoni" hija intiża bħala għodda prattika sabiex takkumpanja lill-uffiċjali tal-każijiet madwar l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.

**L-għan tal-Gwida Prattika huwa li tassisti fl-identifikazzjoni u fl-eżaminazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni.**

Il-gwida hija mfassla skont ir-rekwiżiti legali rilevanti u fl-istess ħin tissuġġerixxi approċċ prattiku, u tittraduċi l-istandards tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) fi gwida għall-ħidma ta' kuljum.

***X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika?*** Din il-gwida tiffoka fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika, fuq il-bażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, u l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika**, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-esklużjoni fil-każ li l-applikant ma jkunx "jistħoqqlu" protezzjoni internazzjonali.

L-esklużjoni skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika, fuq il-bażi tal-Artikolu 1D u l-Artikolu 1E tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, jiġifieri fil-każ li l-applikant diġà jibbenefika minn protezzjoni u għalhekk ma jeħtieġx protezzjoni ta' status ta' rifuġjat, mhijiex soġġetta għal din il-Gwida.

Il-maġġoranza tal-kunċetti indirizzati f'din il-Gwida Prattika jiġu mid-dritt kriminali, nazzjonali jew internazzjonali, kif ukoll mid-dritt umanitarju internazzjonali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-esklużjoni hija istitut tad-dritt tal-asil, li jvarja fl-essenza u fl-għanijiet tiegħu, u li japplikaw kunsiderazzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward.

***Min għandu juża din il-gwida prattika?*** Din il-gwida hija maħsuba primarjament għall-uffiċjali tal-awtoritajiet determinanti nazzjonali. Din tirreferi għal **"uffiċjali tal-każijiet"** b'mod ġenerali. Il-grupp fil-mira ewlieni tagħha huma l-intervistaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iżda din tista' tirrappreżenta wkoll għodda utli għal uffiċjali f'sitwazzjonijiet fejn isir l-ewwel kuntatt, flimkien ma' kull min jista' jkun involut fl-identifikazzjoni u/jew fl-immaniġġjar ta' każ ta' esklużjoni.

Il-gwida prattika tipprovdi għall-ħtiġijiet tal-uffiċjali tal-każijiet li s-suġġett tal-esklużjoni huwa ġdid għalihom: għalihom l-għodda se tkun primarjament ta' valur ta' sensibilizzazzjoni; din tipprovdi wkoll għall-ħtiġijiet ta' dawk li għandhom snin ta' esperjenza, inklużi uffiċjali tal-każijiet li jispeċjalizzaw fl-esklużjoni, li għalihom tista' sservi bħala tifkira prattika.

***Kif tista' tintuża din il-gwida prattika?*** Il-gwida prattika hija strutturata fi tliet saffi, li jistgħu jintużaw indipendentement, jew b'mod interkonness, skont il-ħtiġijiet tal-utent. Dawn jiggwidaw lill-utent mill-identifikazzjoni ta' każ potenzjali ta' esklużjoni sad-deċiżjoni bil-miktub u s-segwitu potenzjali.

**L-użu tas-saffi tal-Gwida Prattika:**




*Biex tintuża bħala tfakkira prattika fil-ħidma ta' kuljum minn dawk li diġà huma familjari mas-suġġett tal-esklużjoni*

*Gwida fil-qosor u viżiva tul l-istadji differenti tal-identifikazzjoni u l-immaniġġjar ta' każ potenzjali ta' esklużjoni, inkluż spazju għal gwida nazzjonali*

*Referenzi għal-leġiżlazzjoni, il-każistika rilevanti u riżorsi addizzjonali*

Minbarra li tipprovdi gwida strutturata, din il-gwida prattika tista' titqies bħala għodda għall-awto-evalwazzjoni u/jew tista' tintuża bħala għodda ta' superviżjoni tal-kwalità.

***Kif ġiet żviluppata din il-gwida prattika?*** Il-gwida inħolqot mill-esperti mill-Istati tal-UE+, iffaċilitata mill-EASO u bl-input siewi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR). Qabel il-finalizzazzjoni tagħha, il-gwida kienet ikkonsultata mal-Istati kollha tal-UE+.

***Din il-gwida prattika kif inhi relatata ma' għodod ta' sostenn oħrajn tal-EASO?*** Il-missjoni tal-EASO hija li jappoġġja lill-Istati Membri permezz ta', fost oħrajn, taħriġ komuni, kwalità komuni u informazzjoni komuni dwar il-pajjiż tal-oriġini. Bħall-għodda ta' sostenn kollha tal-EASO, il-Gwida Prattika: Esklużjoni hija bbażata fuq l-istandards komuni tas-SEKA. Din hija mibnija fl-istess qafas u għandha titqies bħala li tikkumplimenta l-għodod disponibbli l-oħrajn tal-EASO. Il-konsistenza tagħha ma' dawk l-għodod kienet kunsiderazzjoni primarja, speċjalment fir-rigward tal-modulu ta' Kurrikulu tat-Taħriġ tal-EASO relatat mill-qrib dwar l-Esklużjoni. L-Analiżi Ġudizzjarja tal-Esklużjoni: l-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (2011/95/UE) tal-EASO wkoll kienet sors siewi fl-iżvilupp.

Din hija gwida prattika li ġiet żviluppata fil-proċess tal-Matriċi ta' Kwalità tal-EASO. Din għandha titqies flimkien mal-għodod prattiċi l-oħrajn disponibbli, b'mod partikolari l-Gwida Prattika tal-EASO: L-Intervista Personali u l-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza.

***Din il-gwida prattika kif inhi relatata mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali?*** Din hija għodda ta' konverġenza nonvinkolanti, li tirrifletti l-istandards komuni u tinkorpora spazju ddedikat għal differenzi nazzjonali fil-leġiżlazzjoni, fil-gwida u fil-prattika.

| |
|---|
| Kull awtorità nazzjonali tista' tinkludi aspetti rilevanti tal-leġiżlazzjoni u gwida fil-gwida prattika fl-ispazji indikati, sabiex tipprovdi lill-uffiċjali tal-każijiet tagħha bi gwida unika u komprensiva għall-esklużjoni. |

# Werrej

**GWIDA ... 7**

1. X'inhi l-esklużjoni? ... 8
2. Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni ... 10
3. Riferiment u garanziji proċedurali ... 12
4. Intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni ... 13
   4.1. Preparazzjoni ... 13
   4.2. Kif twettaq l-intervista ... 16
5. Valutazzjoni tal-evidenza ... 19
6. Analiżi legali ... 21
   6.1. Kwalifikazzjoni ta' atti li jwasslu għall-esklużjoni ... 21
   6.2. Ir-responsabbiltà individwali ... 29
7. L-abbozzar tal-elementi tad-deċiżjoni relatati mal-esklużjoni ... 36
8. Riferiment għal investigazzjoni u/jew prosekuzzjoni ... 37

**LISTI TA' KONTROLL ... 39**

**REFERENZI ... 47**

# Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni

# GWIDA

# 1. X’inhi l-esklużjoni? [lista ta’ kontroll]

*Din il-Gwida Prattika tirreferi biss għall-esklużjoni skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika, fuq il-bażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951, u l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika.*

Identifi-kazzjoni → Riferiment → Intervista → Valutazzjoni tal-evidenza → Analiżi legali → Deċiżjoni → Riferiment

Hawn taħt hawn xi messaġġi prinċipali li jintroduċu l-uffiċjal tal-każijiet għas-suġġett tal-esklużjoni:

## ☐ L-applikazzjoni tal-klawżoli tal-esklużjoni hija obbligatorja [lista ta’ kontroll]

Meta jkun hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant wettaq atti li jistgħu jaqgħu taħt il-klawżoli tal-esklużjoni, l-applikazzjoni ta’ dawn tal-aħħar hija obbligatorja.

L-applikazzjoni tal-atti tal-esklużjoni li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika, fuq il-bażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951, u l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika hija obbligatorja. L-unika eċċezzjoni għall-karattru obbligatorju tal-klawżoli tal-esklużjoni huwa l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (l-esklużjoni minn protezzjoni sussidjarja fuq il-bażi ta’ delitti oħrajn li ma jikkwalifikawx bħala delitti serji, jekk jiġu sodisfatti ċertu kundizzjonijiet).

## ☐ L-għan tal-esklużjoni huwa li tiġi salvagwardjata l-integrità tal-istituzzjoni tal-asil [lista ta’ kontroll]

L-esklużjoni tapplika għal dawk li kieku jikkwalifikaw għall-protezzjoni internazzjonali minħabba biża’ fondata ta’ persekuzzjoni jew riskju reali ta’ offiża serja fuq il-persuna. Din tikkostitwixxi salvagwardja neċessarja għall-integrità tal-istituzzjoni tal-asil.

Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għall-esklużjoni ta’:

| | |
|---|---|
| Dawk li ma jistħoqqilhomx protezzjoni internazzjonali | 1.Ċertu atti huma tant serji li l-applikanti li jistgħu jinżammu responsabbli għal atti bħal dawn ma jistħoqqilhomx protezzjoni internazzjonali. |
| Dawk li jevitaw li jinżammu responsabbli għal delitti serji | 2. Il-qafas tal-protezzjoni internazzjonali ma għandux ikun forma ta’ protezzjoni li tippermetti lil dawk li wettqu delitti jevitaw li jinżammu responsabbli. |

Minħabba l-konsegwenzi serji li dan jista’ jkollu għall-individwu, l-applikazzjoni tal-klawżoli tal-esklużjoni dejjem għandha titqies b’mod restrittiv u b’kawtela kbira.

## □ Raġunijiet għall-esklużjoni [lista ta' kontroll]

L-esklużjoni tapplika fil-każ fejn hemm **raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat** li l-applikant għandu responsabbiltà individwali għal atti li jwasslu għall-esklużjoni (jew, fil-każ ta' protezzjoni sussidjarja, li hu jikkostitwixxi periklu għall-komunità jew is-sigurtà tal-Istat Membru). Dan ikun iġġustifikat biss fir-rigward tar-raġunijiet li ġejjin għall-esklużjoni:

**Raġunijiet għall-esklużjoni**

| status ta' rifuġjat | protezzjoni sussidjarja |
| --- | --- |
| ▪ Delitti kontra l-paċi, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità | ▪ Delitti kontra l-paċi, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità |
| ▪ Delitti mhux politiċi serji barra mill-pajjiż ta' rifuġju qabel l-ammissjoni tiegħu jew tagħha bħala rifuġjat(a) | ▪ Delitti serji |
| ▪ Atti kontra l-prinċipji u l-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti | ▪ Atti kontra l-prinċipji u l-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti |
| | ▪ Periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih l-applikant huma preżenti. |
| | ▪ Delitti oħrajn (taħt ċertu ċirkostanzi) |

Ir-raġunijiet għall-esklużjoni mill-istatus ta' rifuġjat u l-protezzjoni sussidjarja huma simili u jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951; madankollu, għandu jiġi nnutat li dawn mhumiex eżattament l-istess. L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jneħħi wħud mir-rekwiżiti għal delitti serji (l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika) u jintroduċi raġunijiet għall-esklużjoni addizzjonali (l-Artikolu 17(1)(d) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika u l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika) għall-protezzjoni sussidjarja.

Gwida ulterjuri dwar il-kwalifikazzjoni ta' atti li jwasslu għall-esklużjoni u dwar id-determinazzjoni tar-responsabbiltà individwali tinsab fit-taqsimiet speċifiċi hawn taħt.

It-test sħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet legali jinsab hawnhekk.

## □ L-oneru tal-provi li l-kriterji tal-esklużjoni huma ssodisfati huwa fuq l-Istat [lista ta' kontroll]

L-oneru tas-sostanzjament li l-kriterji tal-esklużjoni huma ssodisfati huwa fuq l-Istat filwaqt li l-applikant għandu dover li jikkopera biex jiġu stabbiliti l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu. Kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-risposti normalment jitqajmu mill-applikant. Madankollu, huwa d-dover tal-uffiċjal tal-każijiet li jesplora ċ-ċirkostanzi kollha sew, inkluż ir-risposti, kemm jekk jitqajmu b'mod espliċitu mill-applikant kif ukoll jekk le.

Huwa importanti li jissemma' li għalkemm l-esklużjoni tibbaża fuq numru ta' kunċetti u definizzjonijiet tad-dritt kriminali, il-livell ta' prova applikat għall-esklużjoni mhuwiex għoli daqs l-istandard ta' "lil hinn minn kull dubju raġjonevoli" applikat biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali. "Raġunijiet serji għal kunsiderazzjoni" jeħtieġ evidenza ċara u affidabbli.

Gwida ulterjuri dwar il-valutazzjoni tal-evidenza tinsab fit-taqsima speċifika hawn taħt.

# 2. Identifikazzjoni ta’ każijiet potenzjali ta’ esklużjoni [lista ta’ kontroll]




**L-identifikazzjoni ta’ każ potenzjali ta’ esklużjoni tista’ sseħħ fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta’ asil.** Din tista’ tkun possibbli fil-bidu nett tal-proċedura ta’ asil fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni u/jew fuq il-bażi ta’ informazzjoni oħra disponibbli. F’ċerti każijiet, l-indikazzjoni ta’ atti potenzjali li jwasslu għall-esklużjoni ma tfeġġx qabel l-intervista personali attwali jew saħansitra wara li persuna tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali.

Sabiex il-każijiet ta’ esklużjoni jiġu identifikati kmieni kemm jista’ jkun, dawk kollha involuti fil-proċedura ta’ asil għandhom ikunu konxji tal-indikazzjonijiet potenzjali, b’mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi ta’ oriġini.

Huwa importanti li tinġabar kemm jista’ jkun informazzjoni dwar il-persuna, l-isfond tagħha, l-istorja tar-residenza u tal-impjieg, il-membri tal-familja, is-servizz militari (jekk applikabbli), l-affiljazzjonijiet politiċi, is-sħubija ma’ gruppi, ir-rotot tal-ivvjaġġar, u informazzjoni oħra rilevanti. Għandu jkun innutat li l-kunsiderazzjonijiet rilevanti għall-aspetti tal-inklużjoni u tal-esklużjoni ta’ applikazzjoni individwali ħafna drabi huma konnessi mill-qrib. L-uffiċjal tal-każijiet għandu jibqa’ miftuħ għall-possibbiltajiet kollha filwaqt li jkun attent għall-indikazzjonijiet possibbli għall-esklużjoni.

## □ Użu tar-riżorsi disponibbli għall-identifikazzjoni [lista ta’ kontroll]

Gwida ulterjuri tista’ tkun disponibbli dwar l-indikazzjonijiet potenzjali fil-każ ta’ kwistjonijiet tal-esklużjoni u/jew tas-sigurtà nazzjonali relatati ma’ pajjiżi ta’ oriġini speċifiċi. Listi ta’ indikazzjonijiet li jenfasizzaw uħud mill-profili potenzjali l-aktar rilevanti, filwaqt li mhux eżawrjenti, jistgħu jkunu għodda ta’ għajnuna utli għall-uffiċjali tal-każijiet sabiex jidentifikaw jekk hijiex meħtieġa eżaminazzjoni fil-fond għall-esklużjoni.

Dokumenti bħal dawn jistgħu jintużaw flimkien ma’ din il-gwida.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
| --- |
| *Inkludi informazzjoni dwar l-għodod disponibbli għall-identifikazzjoni u l-links għalihom fejn disponibbli.* |

## □ Ikkunsidra l-informazzjoni disponibbli [lista ta’ kontroll]

Is-sorsi potenzjali ta’ informazzjoni li tista’ tkun rilevanti għall-esklużjoni huma l-istess li jingħataw kunsiderazzjoni fir-rigward tal-inklużjoni.

Hawn taħt hija lista **mhux eżawrjenti** ta’ elementi potenzjali ta’ evidenza, li jista’ jkollhom indikazzjonijiet potenzjali u informazzjoni ulterjuri rilevanti għall-esklużjoni:

- □ *dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar*
- □ *informazzjoni dwar il-pajjiż ta’ oriġini (COI)*
- □ *talba għal estradizzjoni, sentenza, rekords tad-delitti u mandati ta’ arrest*
- □ *informazzjoni minn bażijiet tad-*data *uffiċjali*
- □ *dikjarazzjonijiet tal-applikant inkluż fl-applikazzjoni inizjali u fl-intervisti*
- □ *dikjarazzjonijiet ta’ oħrajn (membri tal-familja, terzi partijiet)*
- □ *sorsi miftuħin u l-midja soċjali (skont il-prattika nazzjonali)*
- □ *eċċ.*

Dawn jistgħu jipprovdu informazzjoni rigward ir-raġunijiet potenzjali għall-esklużjoni, kif ukoll iċ-ċirkostanzi individwali tal-appikant, li jgħin lill-uffiċjal tal-każijiet jipprepara għall-intervista.

Aktar informazzjoni dwar elementi differenti ta’ evidenza u l-kunsiderazzjoni tagħhom tinstab fil-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza.

## □ Profili potenzjali [lista ta’ kontroll]

Is-sensibilizzazzjoni dwar l-esklużjoni, li wieħed ikun ippreparat u jkun qara l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta’ oriġini (COI) rilevanti kif ukoll il-verifika tal-fajl għal elementi prinċipali, huma meħtieġa.

Għandu jiġi enfasizzat li mhuwiex possibbli li tiġi ppreżentata lista eżawrjenti taċ-ċirkostanzi li jistgħu jindikaw potenzjalment li għandha tiġi kkunsidrata l-esklużjoni.

Il-lista li ġejja ta’ eżempji ta’ profili **mhijiex eżawrjenti.**

| **Ir-rilevanza potenzjali ta’ dawn l-indikazzjonijiet tista’ tiddependi ħafna fuq il-pajjiż ta’ oriġini:** | |
|---|---|
| ▸ ***Suldat***<br>▸ ***Grupp ta’ ribelli***<br>▸ ***Milizja***<br>▸ ***Pulizija (jew fergħat partikolari tal-pulizija)***<br>▸ ***Is-servizzi tal-intelligence*** | Fejn is-COI tindika li kien hemm ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali (fil-każ ta’ kunflitt armat) jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem mit-tali atturi, jekk l-applikant jaqa’ taħt il-profil partikolari din l-indikazzjoni trid tiġi esplorata iżjed.<br>Għandha tinġabar informazzjoni addizzjonali dwar iż-żmien, il-post, l-istazzjonijiet, il-kmandanti u/jew is-subordinati, id-doveri attwali, eċċ sabiex jiġi stabbilit jekk jistax ikun hemm raġunijiet għall-esklużjoni. |
| ▸ ***Membru tal-gvern***<br>▸ ***Uffiċjal pubbliku*** | Jekk l-applikant jiġi minn pajjiż b’reġim tal-gvern oppressiv, l-involviment potenzjali tiegħu mal-gvern hija indikazzjoni li teħtieġ tiġi esplorata iktar.<br>Skont il-pajjiż ta’ oriġini, jistgħu jitqiesu livelli ta’ involviment, rwoli u responsabbiltajiet differenti. |
| ▸ ***Membru ta’ organizzazzjoni*** | Skont il-miri, l-għanijiet u l-metodi tal-organizzazzjoni u l-attivitajiet, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-appikant, kif ukoll il-pożizzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni, din tista’ tkun indikazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati l-klawżoli tal-esklużjoni. |
| ▸ ***Persuni konnessi b’mod ieħor mal-kategoriji t’hawn fuq*** | F’ċertu każijiet, persuni li ma jaqgħux formalment taħt il-kategoriji t’hawn fuq jistgħu jkunu implikati fl-azzjonijiet ta’ oħrajn li jaqgħu. Pereżempju: tobba mediċi li jassistu fit-tortura jew fil-mutilazzjoni ġenitali feminili; inġiniera kimiċi li jiżviluppaw l-armi, informaturi ċivili, eċċ. |
| ▸ ***Konnessjoni ma’ avveniment*** | Fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar l-applikant (eż. il-post ta’ residenza, ir-rotta tal-ivvjaġġar), hu jista’ jkun konness ma’ avveniment relatat ma’ kunsiderazzjonijiet potenzjali għall-esklużjoni. |

Barra dan, u mhux neċessarjament relatat mal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta’ oriġini:

| | |
|---|---|
| ▸ ***Att kriminali*** | Jekk hemm indikazzjonijiet li l-applikant ikun wettaq att kriminali dan jista’ jkun skattatur biex tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tal-esklużjoni. Għandu jkun innutat li t-tentattiv fih innifsu jista’ jitqies bħala delitt. |

# 3. Riferiment u garanziji proċedurali [lista ta' kontroll]

Identifi-kazzjoni → **Riferiment** → Intervista → Valutazzjoni tal-evidenza → Analiżi legali → Deċiżjoni → Riferiment

Skont il-prattika nazzjonali, jistgħu jiskattaw azzjonjiet proċedurali speċifiċi fil-każ ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni:

## □ Jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali, irreferi l-każ potenzjali għall-esklużjoni [lista ta' kontroll]

Skont il-prattika nazzjonali, il-każijiet (potenzjali) ta' esklużjoni jistgħu jkunu jridu jiġu riferuti lil unità speċjalizzata, uffiċjal tal-każijiet speċjalizzat jew kollega ta' livell għoli, eċċ.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Jekk applikabbli, iddeskrivi l-passi tar-riferiment.* |

## □ Ara li jkun hemm stabbiliti garanziji proċedurali applikabbli [lista ta' kontroll]

F'ċertu każijiet, minbarra l-garanziji proċedurali ġenerali li japplikaw fil-proċedura ta' asil, jistgħu japplikaw garanziji proċedurali speċifiċi meta jkun qed jiġi kkunsidrat każ potenzjali ta' esklużjoni:

□ ***Kif taħtar konsulent legali jekk applikabbli*** [lista ta' kontroll]

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi l-informazzjoni dwar l-għoti ta' pariri u rappreżentazzjoni legali (jekk speċifika għal każijiet tal-esklużjoni) u l-informazzjoni ta' riferiment rispettiva.* |

□ ***Kif tinforma l-applikant (u/jew il-konsulent legali) li qed tiġi kkunsidrata l-esklużjoni*** [lista ta' kontroll]

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni dwar kif u f'liema stadju l-appikant għandu jkun infurmat li qed tiġi kkunsidrata l-esklużjoni.* |

□ ***Garanziji proċedurali speċifiċi oħrajn jekk applikabbli*** [lista ta' kontroll]

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni dwar garanziji proċedurali speċifiċi oħrajn jekk applikabbli.* |

# 4. Intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni [lista ta' kontroll]




L-intervista hija element fundamentali biex jiġi vvalutat b'mod preċiż jekk applikant għandux jiġi eskluż mill-protezzjoni internazzjonali. Din tagħti lill-uffiċjal tal-każijiet opportunità biex jinteraġġixxi direttament mal-applikant u, l-aktar importanti, biex jippreżenta l-evidenza, u jagħti opportunità effettiva lill-applikant biex jindirizzaha.

Skont il-prattika nazzjonali u l-każ inkwistjoni, l-intervista li tiffoka fuq kwistjonijiet ta' esklużjoni tista' tifforma parti mill-intervista personali (ġenerali) jew tista' tkun intervista indipendenti li tiffoka fuq kwistjonijiet ta' esklużjoni.

F'din it-taqsima, il-gwida prattika tenfasizza wħud mill-aspetti tal-preparazzjoni u t-tmexxija ta' intervista, li huma importanti b'mod partikolari minn perspettiva ta' esklużjoni.

Il-gwida prattika dwar kif tagħmel intervista hija deskritta fil-Gwida Prattika tal-EASO: L-intervista personali tibqa' applikabbli.

## 4.1. Preparazzjoni [lista ta' kontroll]

### □ L-importanza tal-preparazzjoni — "kun af is-suġġett tiegħek u kun af is-suġġett tiegħek" [lista ta' kontroll]

Il-preparazzjoni hija l-element prinċipali biex tmexxi intervista ta' esklużjoni. Din tista' tinqasam f'żewġt oqsma:




Li tkun taf is-suġġett tiegħek (1. l-applikant) u li tkun taf is-suġġett tiegħek (2. il-pajjiż ikkonċernat rigward l-esklużjoni) huwa fundamentali biex tindirizza kwalunkwe kwistjoni ta' esklużjoni matul l-intervista personali.

Qabel l-intervista, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jiffamiljarizza ruħu mal-informazzjoni kollha disponibbli għalih dwar l-applikant. L-uffiċjal tal-każijiet għandu jkollu wkoll fehim dettaljat tal-pajjiż fejn seta' twettaq att li jwassal għall-esklużjoni. Fejn rilevanti, dan għandu jinkludi avvenimenti storiċi kif ukoll ġrajjiet kurrenti. Meta jwettaq riċerka dwar l-applikant kif ukoll il-pajjiż, l-uffiċjal tal-każijiet għandu juża l-elementi ta' evidenza kollha disponibbli u affidabbli. Jeħtieġ ukoll jiġbor informazzjoni addizzjonali, li tkun speċifika kemm jista' jkun għall-każ tal-individwu.

### □ Ikkonsulta l-gwida nazzjonali rilevanti u l-każistika rilevanti [lista ta' kontroll]

Jista' jkun hemm gwida ġenerali nazzjonali u/jew speċifika għall-pajjiż dwar kif titwettaq intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni. Barra dan, il-każistika tista' tkun rilevanti meta tkun qed tipprepara biex tesplora l-elementi meħtieġa.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
| --- |
| *Inkludi informazzjoni dwar il-gwida nazzjonali disponibbli dwar it-twettiq ta' intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni. Inkludi informazzjoni dwar il-każistika li jista' jkollok tikkonsulta qabel twettaq l-intervista.* |

## □ Sa fejn possibbli, identifika l-fatti materjali relatati mal-esklużjoni [lista ta' kontroll]

*Fatt materjali huwa wieħed li huwa ċentrali għad-deċiżjoni li se tittieħed dwar l-applikazzjoni.*

Huwa importanti għall-uffiċjal tal-każijiet li jiddistingwi bejn dak li huwa fatt materjali u dak li mhuwiex meta jesplora avvenimenti tal-passat u kurrenti.

Il-fatti materjali relatati mal-esklużjoni huma dawk li huma konnessi direttament mal-klawżoli tal-esklużjoni.

Sabiex jidentifika l-fatti materjali, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra l-elementi kollha tal-evidenza potenzjali, b'fokus fuq il-każ individwali.

Il-fatti materjali għandhom jiġu identifikati kmieni kemm jista' jkun. Preparazzjoni tajba dwar il-każ individwali kkonċernat u dwar il-pajjiż ikkonċernat tgħin lill-uffiċjal tal-każijiet jidentifika l-fatti materjali u tagħtih l-opportunità matul l-intervista biex jirreaġġixxi għal dak li qed jgħid l-applikant. Jekk jonqos milli jipprepara sew, min-naħa l-oħra, dan jista' jwassal biex dan ma jidentifikax il-fatti materjali u jiddistingwihom minn kwistjonijiet potenzjalment periferali u ma jkunx jista' jirrikonoxxi u jivvaluta sew kwistjonijiet matul l-intervista. Din il-ħaġa tista' twassal għal deċiżjonijiet dgħajfa u/jew żbaljati.

Dan, ovvjament, ma jfissirx li l-fatti materjali kollha se jiġu identifikati dejjem fil-preparazzjoni għal, jew anke matul, l-intervista. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għaliex fatti materjali joħorġu fi stadju aktar tard u għalhekk l-uffiċjal tal-każijiet għandu jżomm moħħ miftuħ.

## □ Kif tipprepara pjan ta' każ [lista ta' kontroll]

Kull uffiċjal tal-każijiet jiżviluppa l-metodu ta' preparazzjoni tiegħu. Wara li jkun identifika l-fatti materjali rilevanti, ikun utli li jiżviluppa skeda indikattiva tal-oqsma li jridu jiġu koperti matul l-intervista. Il-livell ta' dettall tal-pjan huwa parti mill-preferenzi individwali tal-uffiċjal tal-każijiet, iżda l-uffiċjal tal-każijiet ma għandux jitlef il-fokus fuq l-għan tal-intervista u għandu jibqa' flessibbli.

Struttura kronoloġika jew loġika/tematika hija utli għal intervista u tista' tgħin meta tiġi abbozzata deċiżjoni; madankollu, irid jintlaħaq bilanċ fin, għaliex li wieħed ikun preskrittiv iżżejjed fil-pjan tal-każ jista' jkun kontroproduttiv għall-intervista.

Il-pjan tal-każ għandu jkopri l-fatti materjali, jiġifieri l-elementi tal-klawżoli tal-esklużjoni, inkluż l-aspetti rilevanti għar-responsabbiltà individwali, sal-livell li dawn ikunu ġew identifikati f'dan l-istadju tal-proċess. Jekk f'dan il-punt tkun ġiet innotata kwalunkwe kwistjoni potenzjali ta' kredibilità, dawn jistgħu jkunu riflessi wkoll fil-pjan tal-każ sabiex jiġu indirizzati matul l-intervista.

## □ Ipprepara mentalment [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jieħu biżżejjed ħin biex iqis lil min qed jintervista u għaliex. L-uffiċjal tal-każijiet għandu wkoll iqis li l-intervisti għall-esklużjoni jistgħu jkunu intensivi u twal.

Mhux l-applikanti kollha li jkunu intervistati fir-rigward ta' kwistjonijiet possibbli ta' esklużjoni se jkollhom profili sinifikanti, iżda wħud minnhom jistgħu. Pereżempju, l-applikant jista' jkollu sfond li jissuġġerixxi li kellu pożizzjoni ta' awtorità u kontroll u/jew taħriġ fl-intelligence u l-kontrointelliġenza.

Uħud mill-applikanti, inklużi dawk b'każijiet potenzjali ta' esklużjoni, jistgħu jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi jew għandhom bżonnijiet speċjali oħrajn minħabba l-vulnerabilità tagħhom. Huwa importanti li wieħed jiftakar dan u jikkunsidrah meta jkun qed jipprepara mentalment.

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jistaqsi lilu nnifsu wkoll liema attitudnijiet, ħsibijiet jew prekonċezzjonijiet rilevanti għall-każ jistgħu jinfluwenzaw l-oġġettività tiegħu u għandu jagħmel sforz biex jevitahom.

## ☐ Agħmel arranġamenti prattiċi [lista ta' kontroll]

### ☐ Ikkunsidra jekk huwiex xieraq li tinvolvi uffiċjal tal-każijiet ieħor [lista ta' kontroll]

Fuq il-bażi tal-profil tal-applikant u l-prattika nazzjonali, jista' jkun xieraq li jiġi involut uffiċjal tal-każijiet ieħor meta titwettaq l-intervista. Għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali kif ukoll l-arranġamenti disponibbli għall-intervista.

F'xi Stati, jistgħu japplikaw regoli speċifiċi f'dan ir-rigward għal każijiet (potenzjali) ta' esklużjoni.

| Il-prattika nazzjonali: |
|---|
| *Inkludi l-gwida nazzjonali dwar il-possibbiltà li jiġi involut tieni uffiċjal tal-każijiet meta titwettaq l-intervista.* |

### ☐ Arranġamenti tas-sigurtà [lista ta' kontroll]

L-arranġamenti tas-sigurtà għandhom isiru skont il-prattika nazzjonali.

### ☐ Kif tagħżel l-interpretu [lista ta' kontroll]

Meta tagħżel interpretu tista' tikkunsidra dan li ġej dwarhom:




### ☐ Kif tinforma l-interpretu [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jagħti lill-interpretu l-opportunità biex jipprepara mentalment għall-intervista; huwa importanti għall-interpretu li jagħmel dan daqs kemm hu għall-uffiċjal tal-każijiet. L-interpretu għandu jiġi infurmat mill-uffiċjal tal-każijiet dwar in-natura tal-każ, qabel tibda l-intervista. Minħabba l-kwistjonijiet ta' esklużjoni potenzjali involuti, l-interpretu jista' jiġi avżat ukoll dwar l-oqsma li se jiġu diskussi għaliex dan se jkun ulti għall-mentalità u l-preparazzjoni tiegħu.

Jista' jkun ta' għajnuna wkoll jekk l-uffiċjal tal-każijiet jinforma l-interpretu li l-intervista tista' ddum iżjed min-normal.

L-interpretu għandu jiġi mfakkar dwar il-prinċipji ta' kunfidenzjalità u newtralità.

### ☐ Il-possibbiltà li ssir intervista addizzjonali [lista ta' kontroll]

Skont il-kumplessità tal-każ, jista' jkun neċessarju li titwettaq iżjed minn intervista waħda.

## 4.2. Kif twettaq l-intervista [lista ta' kontroll]

### ☐ Ipprovdi informazzjoni lill-applikant skont il-prattika nazzjonali [lista ta' kontroll]

Jista' jkun li fil-bidu ta' intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni trid tingħata xi informazzjoni speċifika. Skont il-prattika nazzjonali, din tista' tinkludi li l-applikant jiġi infurmat bil-fatt li se jiġu esplorati kwistjonijiet relatati mal-esklużjoni potenzjali.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Elenka l-elementi ta' informazzjoni speċifika li għandhom jiġu pprovduti fil-bidu ta' intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni.* |

### ☐ Aċċerta ruħek li l-imġiba tal-interpretu hija xierqa [lista ta' kontroll]

Jekk l-uffiċjal tal-każijiet għandu kwalunkwe tħassib dwar l-abilità jew l-imġiba tal-interpretu, dan għandu jiġi indirizzat skont il-proċeduri nazzjonali (pereżempju, billi jqajjem dan mal-uffiċjali għolja). L-intervista jista' jkollha tiġi sospiża u jiġi rakkomandat interpretu ieħor.

### ☐ Żomm attitudni professjonali [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jżomm attitudni professjonali f'kull waqt u jara li l-komunikazzjoni verbali u mhux verbali tiegħu ma tkunx perċepita bħala ġudizzju.

### ☐ Uża tekniki tal-intervista adegwati [lista ta' kontroll]

L-għan tal-intervista huwa li jiġu stabbiliti l-fatti materjali, li tiġi indirizzata l-evidenza u li l-applikant jingħata l-opportunità biex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu b'mod effettiv.

#### ☐ Adatta skont l-individwu [lista ta' kontroll]

Kull applikant se jkun differenti. L-uffiċjal tal-każijiet għandu jkun konxju li ċertu intervisti dwar l-esklużjoni se jitwettqu ma' individwi li setgħu kellhom pożizzjonijiet prominenti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Għall-kuntrarju ta' dan, ċertu applikanti jistgħu jkunu bla edukazzjoni jew b'edukazzjoni baxxa. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-mistoqsijiet kollha jkunu adatti għal-livell korrett sabiex jiġu mifhuma sew.

#### ☐ Investi fil-bini ta' relazzjoni tajba [lista ta' kontroll]

Il-bini ta' relazzjoni tajba mal-applikant hija fundamentali. Approċċ ta' prattika tajba huwa li tibda l-intervista bi kwistjonijiet li mhumiex konnessi direttament mal-fatti materjali. Suġġeriment jista' jkun li wieħed jibda billi jiddiskuti l-isfond familjari tal-applikant, l-isfond edukattiv, u l-ħajja sa minn meta daħal fl-Istat Membru, eċċ. Dan l-approċċ normalment jippermetti lill-partijiet kollha jipparteċipaw fl-intervista u jħossuhom iżjed komdi.

Mhux rakkomandat li wieħed jibda l-intervista b'mistoqsija marbuta direttament ma' kwistjoni ta' esklużjoni, minħabba l-possibbiltà li l-applikant jaġixxi b'mod diffensiv, xettiku u li jingħalaq fih innifsu matul l-intervista, li jista' jkollu effett ħażin fuq il-kwalità tal-informazzjoni miġbura u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-kwalità tad-deċiżjoni.

Li wieħed ifakkar l-applikant li din hija intervista dwar l-asil, jiġifieri sabiex jiġi kkunsidrat jekk huwiex eliġibbli għall-protezzjoni internazzjonali, ukoll jista' jgħin biex tinbena relazzjoni tajba.

□ **Kif tapplika l-approċċ *funnel* (lembut)** [lista ta' kontroll]

Approċċ "*funnel*" (lembut) jirreferi għall-mod li bih l-intervistatur jistruttura l-intervista. Għal kull suġġett importanti, l-intervistatur għandu jsegwi approċċ li jmur mill-introduzzjoni tat-tema u stedina għal narrattiva ħielsa għal mistoqsijiet miftuħin ta' segwitu għal, jekk ikun meħtieġ biss, mistoqsijiet magħluqin. Dan l-approċċ jippermetti lill-intervistatur jidentifika l-kwistjonijiet prinċipali matul in-narrattiva ħielsa flimkien mal-informazzjoni pprovduta b'mod spontanju li hija ta' rilevanza diretta għall-għan tal-intervista. L-informazzjoni pprovduta b'dan il-mod normalment hija iżjed dettaljata u ta' kwalità aħjar mill-informazzjoni pprovduta għal mistoqsijiet magħluqin.

- Introduċi s-suġġett
- Ħeġġeġ narrattiva ħielsa
- Segwi b'mistoqsijiet miftuħin
- Staqsi mistoqsijiet magħluqin jekk hemm bżonn
- Agħti sommarju (iċċekkja u kkonferma) u agħlaq is-suġġett qabel timxi għal dak li jmiss




□ **Uża mistoqsijiet miftuħin u ħeġġeġ in-narrattiva ħielsa**

L-għan tan-**narrattiva ħielsa** huwa li tinkiseb kemm jista' jkun informazzjoni affidabbli u preċiża billi l-applikant jingħata opportunità biex jagħti rendikont personali tal-fatti rilevanti mingħajr interruzzjoni. Li l-applikant ikun permess jipprovdi informazzjoni kuntestwali hija parti importanti mit-tmexxija ta' intervista dwar l-esklużjoni.

**Mistoqsijiet miftuħin** jippermettu l-esplorazzjoni ta' kull kwistjoni importanti u jnaqqsu r-riskju li l-intervistatur iħalli barra informazzjoni rilevanti.

Ċertu applikanti jistgħu jsibuha diffiċli li jagħtu narrattiva ħielsa jew jistgħu ma jkunux iridu jwieġbu l-mistoqsijiet. F'każijiet bħal dawn, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jipprova jieħu rwol iżjed attiv u jistaqsi mistoqsijiet iżjed iffukati, iżda għandu jiftakar ukoll li jkompli jintroduċi s-suġġetti kollha u dejjem jibda suġġett ġdid billi jistaqsi mistoqsijiet miftuħin. Filwaqt li huwa importanti li jippromwovi n-narrattiva ħielsa u juża mistoqsijiet miftuħin, l-uffiċjal tal-każijiet dejjem għandu jiżgura li l-applikant iwieġeb għall-mistoqsijiet li jistaqsih.

**Mistoqsijiet magħluqin** jistgħu jkunu utli wkoll jekk hemm ċertu elementi li jeħtieġu jiġu ċċarati jew ikkonfermati (iż-żmien, ismijiet, dati, eċċ). Mistoqsijiet bħal dawn jippermettu lill-intervistatur jesplora l-informazzjoni kollha meħtieġa li jkun fadal qabel jagħlaq is-suġġett. Madankollu, l-użu ta' mistoqsijiet magħluqin ħafna drabi jista' jirrestrinġi l-kapaċità tal-applikant li jinvolvi ruħu fl-intervista, li jnaqqas il-kwalità u l-akkuratezza tal-informazzjoni.

□ **Iċċekkja u kkonferma** [lista ta' kontroll]

Prattika tajba matul l-intervista tal-esklużjoni tista' tkun li wieħed jagħti sommarju u jikkonferma (b'mistoqsija magħluqa) il-fatti materjali u kwistjonijiet oħrajn importanti f'diversi okkażjonijiet. Dan se jgħin lill-uffiċjal tal-każijiet jikkontrolla l-intervista, jidentifika l-punti prinċipali u jiżgura li l-ebda qasam ta' tħassib ma jkun ambigwu, filwaqt li jippromwovi narrattiva ħielsa.

## □ Iffoka fuq l-involviment individwali tal-applikant: *"Jien"* minflok *"aħna"* [lista ta' kontroll]

L-għan tal-intervista huwa li tinkiseb informazzjoni li tippermetti lill-uffiċjal tal-każijiet jistabbilixxi jekk seħħewx atti li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' klawżola tal-esklużjoni u, jekk iva, l-imġiba u l-istat mentali tal-applikant fir-rigward ta' dawn l-atti.

Il-kwistjonijiet kollha rilevanti jridu jiġu esplorati kompletament; madankollu, l-aspett ewlieni sabiex jiġi determinat jekk tapplikax l-esklużjoni jew le huwa l-aspett tar-responsabbiltà individwali.

L-applikant għandu jkun imħeġġeġ jitkellem dwar l-attivitajiet personali, ir-rwol u/jew ir-responsabbiltajiet tiegħu. Jekk l-applikant minflok jagħmel referenzi għal *"aħna"*, għandu jiġi mitlub jiċċara għal min qed jirreferi u mbagħad li jiċċara l-involviment speċifiku tiegħu, jiġifieri l-applikant għandu jwieġeb b'*"jien"*.

Jekk l-appilkant iwieġeb kontinwament il-mistoqsijiet b'*"aħna"*, irid jiġi mfakkar iwieġeb speċifikament dwar x'inhu jew x'kien ir-rwol individwali tiegħu. Il-mistoqsija għandha tkun ripetuta u jekk meħtieġ impoġġija fi kliem ieħor sakemm l-uffiċjal tal-każijiet jista' jistabbilixxi x'kien l-involviment individwali tal-applikant.

Meta l-applikant jirreferi għal oħrajn bħala *"huma"*, jista' jkun importanti li jiġi stabbilit x'qed ifisser, b'mod speċjali f'każijiet fejn l-applikant seta' kien assoċjat ma' delitti mwettqa minn oħrajn. F'każijiet bħal dawn, huwa importanti li jiġi stabbilit min kien l-awtur ta' dan, u x'tip, jekk kien hemm, ta' relazzjoni kienet teżisti bejnu u l-applikant.

Il-mistoqsijiet li jiġu mistoqsija matul l-intervista għandhom jgħinu biex jiġi stabbilit dan li ġej dwar l-applikant:




## ☐ Indirizza l-kwistjonijiet potenzjali ta' kredibilità [lista ta' kontroll]

Jistgħu jirriżultaw xi kwistjonijiet potenzjali fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' kredibilità interni jew esterni.

Jekk hemm kwalunkwe kwistjoni potenzjali ta' kredibilità, din għandha tiġi indirizzata matul l-intervista, sabiex l-applikant jingħata l-opportunità effettiva li jagħti spjegazzjoni. Jekk l-uffiċjal tal-każijiet ma jisfidax il-punti ta' kredibilità identifikati matul l-intervista, ma jkunx qed iwettaq id-doveri tiegħu kif suppost li jeżamina l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti b'mod sħiħ, oġġettiv u imparzjali. Dan iħalli deċiżjoni potenzjali li tirreferi għal dawk il-punti ta' kredibilità miftuħa għal sfida.

Ara l-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza għal gwida ulterjuri.

# 5. Valutazzjoni tal-evidenza [lista ta' kontroll]

Identifikazzjoni → Riferiment → Intervista → **Valutazzjoni tal-evidenza** → Analiżi legali → Deċiżjoni → Riferiment

Bħal fil-każijiet kollha tal-asil, il-valutazzjoni tal-evidenza hija parti kruċjali u ħafna drabi diffiċli tal-eżaminazzjoni. Jista' jkun hemm sfidi partikolari fil-każijiet tal-esklużjoni, li jirriżultaw mill-fatt li l-oneru tal-provi jaqa' fuq l-awtorità determinanti u li f'ħafna każijiet l-applikant jista' ma jkunx lest jikkopera biex jiġu stabbiliti l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti.

Għal gwida ġenerali dwar il-valutazzjoni tal-evidenza, ara l-Gwida Prattika tal-EASO: Valutazzjoni tal-Evidenza.

## □ Applika l-istandard "raġunijiet serji li jridu jiġu kkunsidrati" [lista ta' kontroll]

*Il-"livell ta' prova" huwa livell minimu li jrid jintlaħaq sabiex tiġi stabbilita proposta speċifika.*

Il-klawżoli tal-esklużjoni stess jirreferu għall-istandard **"raġunijiet serji li jridu jiġu kkunsidrati".**

Dan il-livell ta' prova huwa ogħla minn dak għall-valutazzjoni tar-riskju meta tkun qed tiġi ddeterminata l-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali, li ġeneralment huma meqjus bħala "livell raġjonevoli ta' probabbiltà".

Sabiex applikant jiġi eskluż, għalhekk, **hija meħtieġa informazzjoni ċara u affidabbli** li tissodisfa l-istandard ta' "raġunijiet serji".

Huwa ċar li suspetti sempliċi mhumiex biżżejjed biex tiġi applikata l-esklużjoni. L-istandard tal-prova huwa kkunsidrat ukoll ogħla minn "aktar probabbli milli le" (il-bilanċ tal-probabbiltajiet). Madankollu, mhuwiex meħtieġ li jintlaħaq l-istandard kriminali ta' "lil hinn minn kull dubju" li huwa rilevanti biex tiġi stabbilita l-"ħtija".

Xi Stati jista' jkollhom gwida speċifika dwar il-livell ta' prova applikabbli eżistenti.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
| --- |
| *Inkludi l-gwida nazzjonali dwar il-livell ta' prova applikabbli.* |

## □ Eżamina ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, anke meta l-oneru tal-provi jaqa' fuq tal-applikant [lista ta' kontroll]

L-uffiċjali tal-każijiet għandhom ikunu konxji ta' żewġ sitwazzjonijiet fejn l-oneru tal-provi jimxi mill-Istat għall-applikant, li jfisser li l-istabbiliment tar-responsabbiltà individwali tista' tibda minn suppożizzjoni tal-eżistenza tagħha. Suppożizzjoni bħal din tista' tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-eżistenza ta' biżżejjed informazzjoni li tindika li hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li persuna, fis-sitwazzjonijiet deskritti hawn taħt, kellha responsabbiltà individwali b'mod jew ieħor:

- Meta l-applikant ikun instab ħati minn tribunal kriminali internazzjonali.
- Meta jkun stabbilit li l-applikant sar b'mod volontarju jew baqa' membru u okkupa pożizzjoni prominenti fi gvern repressiv jew organizzazzjoni li tikkommetti atti li jwasslu għall-esklużjoni.

Madankollu, is-suppożizzjoni ta' responsabbiltà individwali f'dawk il-każijiet, ovvjament, tista' tiġi konfutata u għandha tiġi eżerċitata kawtela meta din tiġi applikata.

Jibqa' neċessarju li jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, bħall-attivitajiet, ir-rwol u r-responsabbiltajiet personali tal-applikant kif ukoll ir-risposti ta' difiża possibbli, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-esklużjoni.

L-applikant għandu jingħata opportunità effettiva biex jindirizza s-suppożizzjoni ta' responsabbiltà individwali. F'dawn il-każijiet, il-livell ta' prova li jrid jiġi ssodisfat mill-applikant biex jikkonfuta s-suppożizzjoni huwa dak ta' **spjegazzjoni plawżibbli** dwar in-nuqqas ta' involviment jew id-dissoċjazzjoni minn kwalunkwe atti li jwasslu għall-esklużjoni, flimkien man-nuqqas ta' evidenza serja għall-kuntrarju.

## ☐ Qis ċertu speċifiċitajiet [lista ta' kontroll]

Ċertu elementi ta' evidenza/sorsi ta' informazzjoni speċifiċi jistgħu jsiru rilevanti b'mod speċjali f'każijiet tal-esklużjoni u l-uffiċjal tal-każijiet għandu jkun jaf kif jittrattahom.

### ☐ Evidenza li l-applikant kien soġġett għal proċedimenti kriminali fil-pajjiż ta' oriġini [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jeżamina jekk il-prosekuzzjoni kinitx leġittima u li l-applikant ma kienx, pereżempju, imħarrek u/jew ikkundannat għal raġunijiet politiċi. L-uffiċjal tal-każijiet għandu jkun konxju wkoll li ċertu mġiba tista' titqies bħala att kriminali fil-pajjiż ta' oriġini iżda mhux fl-Istat tiegħu. Kundanna kriminali ma tfissirx awtomatikament li għandhom jiġu applikati l-klawżoli tal-esklużjoni.

### ☐ Materjal kunfidenzjali [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jara jekk u kif il-materjal kunfidenzjali, jekk disponibbli, jista' jintuża fil-valutazzjoni u l-abbozzar tad-deċiżjoni tal-esklużjoni. Dan jista' jvarja skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali, u jiddependi wkoll fuq il-materjal fil-każ partikolari. Jekk materjal bħal dan ma jistax jintuża, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra jekk hemmx sorsi oħra rilevanti ta' evidenza li jistgħu jintużaw fil-każ.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna leġiżlazzjoni jew gwida dwar l-użu ta' materjal kunfidenzjali.* |

### ☐ Sorsi miftuħa u l-midja soċjali [lista ta' kontroll]

Skont il-prattika nazzjonali, l-uffiċjali tal-każijiet jistgħu jfittxu għal informazzjoni dwar l-applikant fis-sorsi miftuħa jew siti bħal Facebook, Twitter, eċċ jew informazzjoni bħal din tista' tiġi mfittxija għalihom mill-kollegi tagħhom.

Għandha tingħata attenzjoni meta din l-informazzjoni tintuża f'każ ta' esklużjoni. Jekk fl-eżaminazzjoni se tintuża evidenza minn sorsi miftuħa jew mill-midja soċjali, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jinforma lill-applikant dwar l-evidenza u jagħtih opportunità effettiva biex jikkummenta qabel ma ssir valutazzjoni.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni dwar l-użu tal-midja soċjali fil-valutazzjoni ta' każ.* |

### ☐ Testimonjanzi anonimi [lista ta' kontroll]

Testimonjanzi anonimi ġeneralment ma jintużawx bħala evidenza li tiġġustifika deċiżjoni ta' esklużjoni. Ir-raġunijiet għaliex jingħataw testimonjanzi anonimi bħal dawn jistgħu jvarjaw ħafna (għira, vendetta, tħassib ġenwin, eċċ) u minħabba li s-sors ma jistax jiġi kkonfermat il-kredibilità tagħhom hija limitata ħafna. Madankollu, f'ċerti każijiet it-testimonjanzi anonomi jistgħu jkunu ħjiel ta' atti li jwasslu għall-esklużjoni, li l-uffiċjal tal-każijiet jista' jkollu jesplora iżjed.

# 6. Analiżi legali [lista ta' kontroll]

Fuq il-bażi tal-fatti aċċettati, l-uffiċjal tal-każijiet janalizza l-applikabilità tar-raġunijiet għall-esklużjoni u l-elementi meħtieġa biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà individwali.

## 6.1. Kwalifikazzjoni ta' atti li jwasslu għall-esklużjoni [lista ta' kontroll]

Identifik-azzjoni → Riferiment → Intervista → Valutazzjoni tal-evidenza → **Analiżi legali** → Deċiżjoni → Riferiment

F'dan l-istadju, l-uffiċjal tal-każ għandu juri jekk **hemmx preżenti elementi ta' raġuni għall-esklużjoni**.

Għandu jiġi kkunsidrat li l-applikant jista' jkun wettaq diversi atti li jwasslu għall-esklużjoni, li jaqgħu taħt klawżoli tal-esklużjoni differenti. Il-prattika nazzjonali tista' tvarja rigward jekk att partikolari wieħed għandux jikkwalifika taħt iżjed minn raġuni waħda meta jkun hemm l-elementi meħtieġa.

| Il-prattika nazzjonali: |
|---|
| *Inkludi gwida dwar il-kwalifikazzjoni ta' att wieħed partikolari li jista' jaqa' taħt iżjed minn klawżola tal-esklużjoni waħda.* |

### *a. Delitti kontra l-paċi - delitti tal-gwerra– delitti kontra l-umanità* [lista ta' kontroll]

Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951
- Artikolu 1F(a)

Id-Direttiva dwar il-Kwalifika
- Artikolu 12(2)(a)
- Artikolu 17(1)(a)

| Il-leġiżlazzjoni nazzjonali |
|---|
| ***Daħħal id-dispożizzjoni*** |

*L-istess raġuni għall-esklużjoni tapplika fir-rigward tal-esklużjoni mill-istatus ta' rifuġjat u mill-protezzjoni sussidjarja. Id-delitti skont din id-dispożizzjoni jiskattaw l-applikazzjoni tal-klawżoli tal-esklużjoni indipendentement minn fejn u meta jkunu ġew kommessi, inkluż jekk ikunux ġew kommessi fl-Istat Membru u/jew wara li l-persuna tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali.*

▸ Hemm raġunijiet serji biex l-att jitqies bħala **delitt kontra l-paċi?** [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jiddetermina jekk att huwiex delitt kontra l-paċi (delitt ta' aggressjoni) billi jikkunsidra dawn l-elementi:

- ☐ **L-att:** jinkludi l-ippjanar, il-preparazzjoni, il-bidu jew il-ftuħ ta' gwerra ta' aggressjoni, jew kunflitt armat li jikser it-trattati, ftehimiet, jew assigurazzjonijiet internazzjonali, jew il-parteċipazzjoni fi pjan jew konfoffa komuni biex jinkiseb kwalunkwe minn dawn imsemmija hawn fuq.
- ☐ **Il-kuntest:** delitti kontra l-paċi jistgħu jitwettqu biss jekk hemm kunflitt armat internazzjonali, jiġifieri kunflitt li fih inkun hemm involuti Stati jew entitajiet li jixbħu Stat.
- ☐ **L-attur:** Minħabba li l-kunflitti armati internazzjonali normalment jitmexxew minn Stati jew entitajiet li jixbħu Stat, delitt kontra l-paċi normalment jitwettaq minn individwi f'pożizzjoni ta' awtorità għolja li jirrappreżentaw Stat jew entità li tixbaħ Stat.

▸ Hemm raġunijiet serji biex l-att jitqies bħala **delitt tal-gwerra?** [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jiddetermina jekk att huwiex delitt tal-gwerra billi jikkunsidra dawn l-elementi:

- **L-att:** Delitti tal-gwerra huma ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali li jinvolvu responsabbiltà individwali direttament skont id-dritt internazzjonali. Id-delitti tal-gwerra jistgħu jitwettqu biss fil-kuntest ta' kunflitt armat, li jista' jkun ta' karattru internazzjonali jew mhux internazzjonali. L-elementi tad-delitti tal-gwerra jiddependu fuq in-natura tal-kunflitt (internazzjonali jew mhux internazzjonali) u, għal dik ir-raġuni, huwa importanti li jiġu stabbiliti (i) l-eżistenza ta' kunflitt armat, u (ii) in-natura tiegħu.

  Huwa importanti li jiġi enfasizzat li mhux l-atti kollha ta' gwerra huma delitti tal-gwerra. Il-ġellieda li jieħdu sehem b'mod legali f'ostilitajiet mhumiex qed iwettqu delitti tal-gwerra diment li jkunu qed isegwu r-regoli pprovduti mid-dritt umanitarju internazzjonali. Skont iċ-ċirkostanzi, ġellied li jieħu parti b'mod illegali f'ostilitajiet jew ċittadin li jieħu parti diretta f'ostilitajiet jista' jkun konness ma' att li jwassal għall-esklużjoni li għalih ikun meħtieġ li tiġi vvalutata r-responsabbiltà individwali tal-ġellied jew ċittadin.

  Id-delitti tal-gwerra huma elenkati, *inter alia*, taħt l-Artikolu 8 tal-Istatut ta' Ruma, taħt id-dispożizzjonijiet dwar "Ksur Gravi" tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-Protokoll Addizzjonali I, l-Artikolu 3 komuni u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll Addizzjonali II, l-Istatut tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) u l-Istatut tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda (ICTR).

  In-neċessità militari u l-proporzjonalità għandhom jingħataw kunsiderazzjoni meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk l-att jikkwalifikax bħala delitt tal-gwerra.

- **Il-kuntest:** Għandu jkun hemm biżżejjed **konnessjoni bejn id-delitt u l-kunflitt armat.**

  L-uffiċjal tal-każijiet għandu jistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

  - jekk **seħħx kunflitt armat fl-istess żmien** tad-delitt;
  - jekk l-att inkwistjoni seħħx **b'konnessjoni ma'** u jekk kienx assoċjat mal-kunflitt armat (nexus);
  - jekk il-kunflitt armat kienx **internazzjonali** jew **mhux internazzjonali** fiż-żmien li sar id-delitt:

| Kunflitt armat internazzjonali | Kunflitt armat mhux internazzjonali |
|---|---|
| Kunflitt armat internazzjonali huwa kunflitt li jinvolvi żewġ Stati jew iżjed jew Stat u moviment tal-liberazzjoni nazzjonali. | Kunlitti armati mhux internazzjonali jistgħu jiġu definiti bħala ostilitajiet ta' skala kbira, bejn l-awtoritajiet tal-Istat u r-ribelli, jew bejn żewġ gruppi armati organizzati jew iżjed ġewwa Stat.<br>Mill-inqas żewġ kriterji fattwali jintużaw għall-klassifikazzjoni ta' sitwazzjoni ta' vjolenza bħala kunflitt armat mhux internazzjonali:<br>□ il-partijiet involuti jridu juru ċertu livell ta' organizzazzjoni, u<br>□ l-vjolenza trid tilħaq ċertu livell ta' intensità.<br>Taqlib u tensjonijiet interni oħrajn, jew irvellijiet jew atti iżolati jew sporadiċi ta' vjolenza armata ma jikkwalifikawx bħala kunflitt armat mhux internazzjonali. |

  Normalment ikun hemm COI jew gwida nazzjonali li tispeċifika n-natura tal-kunflitt armat. Sorsi utli għall-konferma tan-natura tal-kunflitti huma s-sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, il-verdetti tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-opinjonijiet tal-Istati jew ir-rapporti tan-NU.

  Ħaġa importanti li wieħed irid jiftakar huwa li s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt jistgħu jinbidlu, inkluża n-natura tagħhom (eż. minn wieħed mhux internazzjonali għal wieħed internazzjonali).

- **L-attur**: Id-delitti tal-gwerra jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna, inkluż minn ċittadini li ma jiħdux parti fl-ostilitajiet, diment li jkun hemm biżżejjed konnessjoni mal-kunflitt armat (nexus).

- **L-oġġett:** L-uffiċjal tal-każijiet irid jistabbilixxi li seħħ delitt kontra persuni jew oġġetti protetti (ċittadini, ġellieda li mhumiex qed jiġġieldu, oġġetti ċivili u speċjalment kulturali), jew li jkunu ntużaw armi jew mezzi tal-gwerra illegali.

- **L-element mentali speċifiku:** L-element mentali jeħtieġ l-għarfien taċ-ċirkostanzi fattwali (konoxxenza tal-eżistenza tal-kunflitt armat) u l-istatus protett tal-persuna jew tal-oġġett. Ċertu delitti tal-gwerra jeħtieġu element mentali speċifiku addizzjonali (eż. id-delitti tal-gwerra ta' qtil jew feriment b'ingann, it-teħid ta' ostaġġi).Dan l-element mentali huwa apparti r-rekwiżiti ġenerali deskritti fis-subsezzjoni dwar ir-responsabbiltà individwali.

▸ Hemm raġunijiet serji biex l-att jitqies bħala **delitt kontra l-umanità?** [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jiddetermina jekk att huwiex delitt kontra l-umanità billi jikkunsidra dawn l-elementi:

- **L-att:** id-delitti li jikkwalifikaw bħala delitti kontra l-umanità huma atti fundamentalment inumani, meta jiġu kommessi bħala parti minn attakk sistematiku jew mifrux kontra ċ-ċittadini. Atti kriminali bħal qtil, esterminazzjoni, tortura, stupru, persekuzzjoni politika jew reliġjuża u atti oħrajn inumani jilħqu l-livell limitu tad-delitti kontra l-umanità jekk dawn huma parti minn attakk mifrux jew sistematiku kontra ċ-ċittadini.

  Anke att wieħed jista' jaqa' taħt id-definizzjoni ta' delitti kontra l-umanità sa kemm hemm konnessjoni ma' attakk mifrux jew sistematiku.

  Id-delitti kontra l-umanità huma ddefiniti fl-istrumenti internazzjonali, fost oħrajn l-Artikolu 7 tal-Istatut ta' Ruma.

- **Il-kuntest**: L-uffiċjal tal-każijiet għandu jistabbilixxi li l-attakk huwa:

| | |
|---|---|
| Dirett lejn il-popolazzjoni ċivili | L-attakk li miegħu huwa konness id-delitt huwa direzzjonat kontra popolazzjoni ċivili. Matul il-kunflitt armat, dan jinkludi persuni li ma jiħdux jew ma baqgħux jieħdu sehem fl-ostilitajiet armati. |
| Mifrux jew sistematiku | L-attakk jew jifforma parti minn politika minn gvern, awtorità politika de facto, jew grupp politiku organizzat; jew huwa ttollerat, aċċettat jew approvat mill-gvern, grupp jew awtorità msemmija. |

  Id-delitt għandu jkollu **biżżejjed konnessjoni mal-attakk**. Atti inumani iżolati ma jilħqux l-istigma mehmuża mad-delitti kontra l-umanità, għalkemm dawn xorta jistgħu jikkostitwixxu atti li jwasslu għall-esklużjoni (eż. bħala delitti serji mhux politiċi).

  Id-delitti kontra l-umanità huma differenti mid-delitti tal-gwerra għaliex dawn jistgħu jitwettqu kemm fi żmien ta' paċi kif ukoll matul kunflitt armat.

- **L-element mentali speċifiku:** Id-delitt irid jitwettaq minn persuna li kienet taf bl-attakk u bil-konnessjoni tal-att mal-attakk. Ċertu delitti kontra l-umanità jeħtieġu intenzjoni speċifika addizzjonali (eż. persekuzzjoni u ġenoċidju).Dan l-element mentali huwa apparti r-rekwiżiti ġenerali deskritti fis-subsezzjoni dwar ir-responsabbiltà individwali.

▸ Hemm raġunijiet serji biex l-att jitqies bħala ġenoċidju**?**

Ċertu delitti kontra l-umanità jistgħu jammontaw għad-delitt ta' ġenoċidju (l-Artikolu 6 tal-Istatut ta' Ruma).

Sabiex jiddetermina jekk hemmx raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li sar delitt ta' ġenoċidju, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra jekk hemmx preżenti "**intenzjoni ġenoċidali**":

intenzjoni li jeqirdu → kompletament jew parzjalment → membri ta' grupp nazzjonali, etniku, razzjali jew reliġjuż

Atti li jistgħu jaqgħu taħt il-kwalifika ta’ ġenoċidju jekk hemm l-intenzjoni huma, *inter alia*:

- il-qtil ta’ membri tal-grupp;
- li jiġi kkawżat dannu fiżiku jew mentali serju lil membri tal-grupp;
- li jiġu kkawżati deliberatament fuq il-grupp kundizzjonijiet tal-ħajja kkalkulati li jġibu l-qerda fiżika sħiħa jew parzjali;
- li jiġu imposti miżuri maħsuba biex jipprevjenu twelid ta’ trabi fil-grupp;
- li t-tfal tal-grupp jiġu trasferiti bil-forza lejn grupp ieħor.

## *b. Delitti (mhux politiċi) serji* [lista ta’ kontroll]

**Il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951**

- Artikolu 1F(b)

**Id-Direttiva dwar il-Kwalifika**

- L-Artikolu 12(2)(b)
- L-Artikolu 17(1)(b)

| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali:** |
| --- |
| ***Daħħal id-dispożizzjoni*** |

*L-elementi t’hawn taħt japplikaw għall-istatus ta’ rifuġjat Fil-każ ta’ esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja, huwa biżżejjed li jiġi stabbilit “delitt serju”.*

- Hemm raġunijiet serji biex l-att jitqies bħala delitt (mhux politiku) serju?

- ☐ **L-att:** L-uffiċjal tal-każ għandu jistabbilixxi li d-delitt kien **serju** biżżejjed.

Mhux id-delitti kollha jistgħu jwasslu għall-esklużjoni skont din id-dispożizzjoni. Meta jiġi vvalutat jekk delitt jistax jitqies bħala serju, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin:




Ma hemm l-ebda rekwiżit li r-reat irid jikkostitwixxi delitt kemm fil-pajjiż ta’ oriġini kif ukoll fil-pajjiż tal-applikazzjoni. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istandards internazzjonali, jiġifieri jekk il-maġġoranza tal-ġurisdizzjonijiet jew le jikkunsidrawx l-atti inkwistjoni bħala delitt serju.

Jista’ jkun hemm gwida nazzjonali addizzjonali rigward dak li jikkostitwixxi “delitt serju”.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
| --- |
| *Inkludi informazzjoni dwar il-prattika nazzjonali rigward dak li jikkostitwixxi delitt “serju”.* |

- ☐ **Mhux politiku** *(status ta’ rifuġjat biss)*

Sabiex att jikkwalifika bħala delitt mhux politiku, irid jitqies li għandu motivazzjoni prinċipalment mhux politika jew ikun sproporzjonat għall-għan politiku sostnut. Azzjonijiet partikolarment krudili, anke jekk imwettqa b’għan allegatament politiku, jistgħu jiġu kklassifikati bħala delitti serji mhux politiċi.

Jistgħu jiġu kkunsidrati diversi aspetti:

1. Ir-reat huwa **konness ma' ġlieda għall-poter politiku** fl-Istat (eż. atti mill-partit tal-oppożizzjoni biex jikseb il-poter)?

2. Ir-reat huwa **motivat minn ideoloġija politika** (eż. l-att kien kommess għal skop personali jew komuni)?

3. Hemm **konnessjoni mill-qrib u kawżali bejn l-att u l-għan sostnut tiegħu** (eż l-att għandu effett mistenni fuq l-ilħuq tal-għan politiku)?

4. Il-mezzi użati u d-dannu kkawżat huma **proporzjonati għall-għan politiku sostnut** (eż. l-att jirriżulta f'dannu kbir materjali jew personali)?

- **Il-kuntest** *(status ta' rifuġjat biss)* L-atti kriminali jridu jkunu seħħew:
  - **barra mill-pajjiż ta' rifuġju**, u
  - **qabel ma l-applikant jiġi aċċettat bħala rifuġjat**

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, l-"ammissjoni bħala rifuġjat" għandha tiġi interpretata bħala ż-żmien meta jinħareġ permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' status ta' rifuġjat.

Fil-prattika jistgħu japplikaw varjazzjonijiet nazzjonali.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni dwar gwida rilevanti għall-interpretazzjoni ta' "ammissjoni bħala rifuġjat".* |

## *c. Atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti* [lista ta' kontroll]

**Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951**
- Artikolu 1F(c)

**Id-Direttiva dwar il-Kwalifika**
- L-Artikolu 12(2)(c)
- L-Artikolu 17(1)(c)

| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali** |
|---|
| ***Daħħal id-dispożizzjoni*** |

*L-istess raġuni għall-esklużjoni tapplika fir-rigward tal-esklużjoni mill-istatus ta' rifuġjat u mill-protezzjoni sussidjarja. L-atti skont din id-dispożizzjoni jiskattaw l-applikazzjoni tal-klawżoli tal-esklużjoni indipendentement minn fejn u meta jitwettqu, inkluż jekk jitwettqux fl-Istat Membru u/jew wara li l-persuna tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali.*

▸ Hemm raġunijiet serji biex l-atti jitqiesu bħala li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti?

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jiddetermina jekk att imurx kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-NU billi jikkunsidra dawn l-elementi:

- **L-att:** L-għanijiet u l-prinċipji tan-NU huma stabbiliti fil-Preambolu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-NU. Għaldaqstant, din ir-raġuni għal esklużjoni tista' tapplika għal ċertu atti li jikkostitwixxu ksur serju u sostnut tad-drittijiet umani u/jew atti mfasslin speċifikament mill-komunità internazzjonali bħala li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-NU.

Minħabba li l-liġi internazzjonali dejjem qed tevolvi, l-interpretazzjoni tal-kunċetti rilevanti hija soġġetta wkoll għal bidla kontinwa. Filwaqt li jiġi kkunsidrat li r-raġunijiet għall-esklużjoni għandhom ikunu interpretati b'mod ristrett, l-elementi li jistgħu jiġu kkunsidrati f'dan ir-rigward huma:




- **Il-kuntest:** L-atti jrid ikollhom **dimensjoni internazzjonali**, fis-sens li dawn jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, jew ir-relazzjonijiet tajbin bejn l-Istati.
- **L-attur:** Fil-prinċipji, kull persuna tista' tkun l-attur tal-atti li jaqgħu f'din ir-raġuni għall-esklużjoni. Madankollu, ħafna mill-atti jistgħu jitwettqu biss minn uffiċjali għoljin f'pożizzjoni ta' awtorità fi Stat jew entità li tixbaħ Stat.

Li wieħed kien *"ħati"* ma jfissirx li jeħtieġ ikun hemm prosekuzzjoni kriminali jew kundanna sabiex l-att jikkwalifika taħt din il-klawżola ta' esklużjoni. L-istess standard ta' "raġunijiet serji li jridu jiġu kkunsidrati" japplika hawnhekk.

It-termini wiesgħin u ġenerali tal-"għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti" jagħmlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni vag meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet skont (a) u (b). Għalhekk, jista' jkun iżjed prattiku għall-uffiċjal tal-każijiet li jikkunsidra jekk (a) jew (b) japplikawx qabel jivvaluta (c).

Jista' jkun hemm gwida nazzjonali addizzjonali rigward l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna l-gwida nazzjonali dwar l-applikazzjoni tar-raġuni għall-esklużjoni.* |

## *d. Periklu għall-komunità jew is-sigurtà tal-Istat Membru* [lista ta' kontroll]

Id-Direttiva dwar il-Kwalifika

- Artikolu 17(1)(d)

| **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali:** |
|---|
| ***Daħħal id-dispożizzjoni*** |

***Dan japplika biss għall-esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja.***

- Hemm raġunijiet serji biex il-persuna titqies bħala periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat?

Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat hija eskluża milli tkun eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja fejn hemm raġunijiet serji biex din titqies bħala periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membri li hija preżenti fih.

Il-valutazzjoni ta' jekk tapplikax din ir-raġuni għall-esklużjoni jew le hija infurmata mill-imġiba fil-passat jew fil-preżent tal-persuna, iżda fl-aħħar mill-aħħar hija **valutazzjoni tar-riskju** li tħares 'il quddiem.

Minħabba n-natura ta' din id-dispożizzjoni, l-applikazzjoni tagħha ħafna drabi teħtieġ l-involviment ta' awtoritajiet oħrajn, li jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti.

**Il-prattika nazzjonali:**

*Inkludi informazzjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-gwida nazzjonali dwar din id-dispożizzjoni.*

## *It-twettiq ta' delitt wieħed jew iżjed inqas serji* [lista ta' kontroll]

**Id-Direttiva dwar il-Kwalifika**

- Artikolu 17(3)

**Il-leġiżlazzjoni nazzjonali:**

***Daħħal id-dispożizzjoni***

**Din tapplika biss għall-esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja u mhijiex klawżola ta' esklużjoni obbligatorja.**

L-elementi li ġejjin iridu jintwerew sabiex tapplika din ir-raġuni għall-esklużjoni:

L-applikant wettaq delitt wieħed jew iżjed inqas serju minn dawk ikkunsidrati preċedentement.

L-atti twettqu qabel l-ammissjoni tal-applikant fl-Istat Membru konċernat.

Id-delitt(i) huma punibbli bil-priġunerija fl-Istat Membru konċernat.

L-applikant telaq mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu biss sabiex jevita s-sanzjonijiet li rriżultaw minn dawk id-delitti.

Billi din mhijiex klawżola ta' esklużjoni obbligatojra, tapplika biss jekk l-Istati Membri jkunu ddeċidew li jittrasponuha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jista' jkun hemm gwida nazzjonali addizzjonali.

**Il-prattika nazzjonali:**

*Inkludi informazzjoni li tikkonċerna l-gwida rilevanti.*

## *Atti ta' natura terroristika* [lista ta' kontroll]

Atti ta' natura terroristika ma jikkostitwixxux raġuni għall-esklużjoni speċifika, iżda attivitajiet rilevanti jistgħu jikkwalifikaw taħt kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

Ma hemm l-ebda definizzjoni aċċettata b'mod ġenerali rigward dak li jikkostitwixxi terroriżmu. Id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tat-13 ta' Ġunju 2002 u tat-28 ta' Novembru 2010 huma pass fl-iżvilupp tat-tali definizzjoni ta' "reati terroristiċi". Ġew adottati għadd strumenti internazzjonali dwar atti speċifiċi ta' natura terroristika.

| | |
|---|---|
| ***Atti ta' natura terroristika jistgħu jikkwalifikaw bħala:*** | |
| ***Delitt kontra l-paċi*** | Jekk imwettqa fl-ippjanar, il-preparazzjoni, il-bidu u t-tmexxija ta' gwerra ta' aggressjoni. |
| ***Delitt tal-gwerra*** | Atti jew theddidiet ta' vjolenza li għandhom l-għan li jifirxu terrur fost il-popolazzjoni ċivili huma pprojbiti b'mod espliċitu skont id-dritt umanitarju internazzjonali (il-Protokolli Addizzjonali I u II). B'mod ġenerali, atti li fiż-żmien ta' paċi huma meqjusin bħala ta' natura terroristika, jikkwalifikaw bħala delitti tal-gwerra jekk dawn ikunu kommessi fil-kuntest ta' u b'konnessjoni ma' kunflitt armat internazzjonali jew mhux internazzjonali. |
| ***Delitt kontra l-umanità*** | Jekk jikkonsisti minn wieħed mid-delitti sottostanti, meta jiġi kommess bħala parti minn attakk mifrux u sistematiku kontra popolazzjoni ċivili. |
| ***Delitt mhux politiku serju*** | L-element mhux politiku ġeneralment huwa ssodisfat billi l-atti ta' natura terroristika dejjem jitqiesu bħala sproporzjonati għal għan politiku, jekk id-delitt huwa biżżejjed serju. Il-kriterji ġeografiċi u taż-żmien ukoll iridu jiġu sodisfatti. |
| ***Atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipjii tan-Nazzjonijiet Uniti*** | Konnessjoni diretta ma' din ir-raġuni tista' tinsab, *inter alia,* fir-riżoluzzjonijiet 1373 u 1377 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-2001: *"Atti, metodi u prattiki tat-terroriżmu huma kuntrarji għall-għanijiet u prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti"* u l-*"finanzjament, l-ippjanar u t-tqanqil ta' atti terroristiċi apposta huma wkoll kuntrarji għall-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti".* Taħt ċertu ċirkostanzi, atti li jikkwalifikaw sew bħala "atti ta' terroriżmu" jistgħu għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta din ir-raġuni għall-esklużjoni.<br>Hemm qbil ġenerali li hija meħtieġa dimensjoni internazzjonali sabiex it-terroriżmu jiġi kkunsidrat taħt din id-dispożizzjoni. |
| ***Periklu għall-komunità jew is-sigurtà tal-Istat Membru*** | Jekk l-att jonqos milli jissodisfa l-kriterji għal dak imsemmi hawn fuq, l-applikant xorta jista' jiġi eskluż mill-protezzjoni sussidjarja jekk jinsab li jikkostitwixxi periklu għall-komunità u s-sigurtà tal-Istat. |

Jekk l-applikant huwa fuq lista ta' persuni suspettati li huma terroristi jew jassoċja ruħu ma' grupp terroristiku elenkat, dan għandu jiġi esplorat bħala indikazzjoni li t-tali individwu jista' jkun konness ma' atti li jwasslu għall-esklużjoni. Madankollu, l-esklużjoni se tkun ibbażata dejjem fuq valutazzjoni sħiħa tar-responsibbiltà individwali. Dan ma jfissirx li jekk l-applikant ma ħax parti personalment fi kwalunkwe att terroristiku partikolari, ma jistax jiġi eskluż mill-protezzjoni internazzjonali.

Jista' jkun hemm gwida nazzjonali speċifika rigward il-ġestjoni ta' każijiet ta' applikanti suspettati li kienu involuti f'atti ta' natura terroristika.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna gwida nazzjonali speċifika dwar każijiet potenzjali ta' atti ta' terroriżmu.* |

## 6.2. Ir-responsabbiltà individwali [lista ta' kontroll]

F'dan l-istadju, l-uffiċjal tal-każijiet irid juri jekk hemmx raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant huma konness mal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni li qed jiġu kkunsidrati b'manjiera li toħloq responsabbiltà individwali.

L-uffiċjal tal-każijiet se jivvaluta r-responsabbiltà individwali potenzjali fuq il-bażi tan-natura u l-livell tal-involviment tal-applikant fl-att(i), kif ukoll l-istat mentali tiegħu fir-rigward tal-att(i).

### Imġiba li toħloq responsabbiltà individwali *(actus reus)*

*Imġiba tista' tirreferi għal att jew nuqqas li tieħu azzjoni. Barra dan, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jiftakar li jista' jkun hemm bażi għal responsabbiltà individwali meta (hemm raġunijiet serji biex wieħed jikkunsidra li) l-applikant sempliċement ipprova jikkommetti l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni.*

### ☐ Twettiq dirett [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jiffoka fuq l-evidenza li turi jekk l-applikant wettaqx, bħala awtur jew koawtur, l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni inkwistjoni.

Dan ġeneralment jeħtieġ **intenzjoni** fir-rigward tal-imġiba u/jew il-konsegwenzi tagħha u **għarfien** fir-rigward tal-imġiba, il-konsegwenzi u/jew ċirkostanzi oħrajn rilevanti. Skont iċ-ċirkostanzi, id-definizzjoni tad-delitt(i) involuti tista' tinkludi rekwiżiti speċifiċi dwar l-intenzjoni u/jew l-għarfien.

### ☐ Tqanqil tat-twettiq minn oħrajn ta' att li jwassal għall-esklużjoni [lista ta' kontroll]

Konnessjoni bejn l-individwu u l-att(i) mwettqa minn oħrajn se teżisti jekk l-imġiba tal-applikant wasslet (qanqlet) lil oħrajn biex jikkommettu d-delitt. Forom ta' tqanqil tat-twettiq ta' delitt minn oħrajn jistgħu jkunu:

| L-ippjanar | L-instigazzjoni | L-għoti ta' ordnijiet |
|---|---|---|

L-imġiba tal-applikant għandha tkun **fattur li jikkontribwixxi b'mod ċar** għall-imġiba kriminali tal-persuna/i l-oħra. Madankollu, mhux meħtieġ li l-uffiċjal tal-każijiet juri li l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni ma kinux iseħħu mingħajr l-involviment tal-applikant.

Ir-rekwiżiti tal-intenzjoni u l-għarfien għal dawn il-forom ta' parteċipazzjoni għad-delitt(i) jintwerew fejn l-appikant kellu **l-intenzjoni li jipprovoka jew iqanqal** it-twettiq ta' att(i) bħal dawn, **jew kien konxju mill-probabbiltà sostanzjali** li l-atti tiegħu kienu probabbilment se jwasslu għat-twettiq tad-delitt(i).

### ☐ Għajnuna u kompliċità [lista ta' kontroll]

Il-kontribuzzjoni sostanzjali għat-twettiq ta' att li jwassal għall-esklużjoni minn persuna oħra tista' tieħu l-forma ta' għajnuna u kompliċità.

L-uffiċjal tal-każijiet jista' jistabbilixxi konnessjoni mal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni inkwistjoni meta l-evidenza tindika li l-applikant:

- ☐ **ipprovda assistenza prattika** għat-twettiq tal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni (eż. billi organizza s-sostenn fiżiku jew loġistiku meħtieġ biex grupp kriminali jkun jista' jopera jew billi pprovda fondi lit-tali grupp kriminali);
- ☐ ħeġġeġ it-twettiq tal-atti li jwasslu għall-esklużjoni mill-oħrajn jew **ipprovda sostenn mentali** għat-tali imġiba.

Dak li jeħtieġ jiġi stabbilit huwa li l-imġiba tal-applikant kellha **effett sostanzjali** għat-twettiq tal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni minn oħrajn (eż. fil-każ ta' abbuż ta' individwi, l-uffiċjal tal-każijiet jista' jistabbilixxi li dan kien minħabba informazzjoni pprovduta mill-applikant, fis-sens li din l-informazzjoni kienet sinifikanti għat-twettiq tad-delitt(i)). Madankollu, mhux meħtieġ li jintwera li t-twettiq tal-att li jwassal għall-esklużjoni ma kienx ikun possibbli mingħajr l-imġiba tal-applikant.

Fil-każ ta' persuna meqjusa bħala awtorità (superjur jew kwalunkwe persuna b'awtorità morali jew reliġjuża, eċċ), jista' jkun hemm ħafna leġitimizzazzjoni jew effett ta' inkoraġġiment mis-sempliċi preżenza tagħhom f'post fejn jiġu kommessi l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni.

Jekk din il-forma ta' parteċipazzjoni seħħitx qabel, matul jew wara l-imġiba kriminali tal-oħrajn jew hijiex ġeografikament separata minnhom huwa irrelevanti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà individwali, sakemm jiġi stabbilit li l-imġiba (l-att jew in-nuqqas li tittieħed azzjoni) kellha effett sinifikanti fuq it-twettiq tad-delitt(i) mill-attur(i) prinċipali.

Fl-aħħar nett, sabiex l-appikant jiġi konness mal-att(i) li qed jiġu kkunsidrati fuq il-bażi ta' din il-forma ta' parteċipazzjoni, l-uffiċjal tal-każijiet għandu juri li l-applikant **kien jaf li l-imġiba tiegħu se tassisti jew tiffaċilita** t-twettiq probabbli tal-att(i) inkwistjoni. Mhux meħtieġ li l-kompliċi jew l-instigatur kien jaf l-att preċiż li kien maħsub jew li sar attwalment, sakemm kien jaf li wieħed minn numru ta' atti bħal dawn probabbilment kienu se jitwettqu u wieħed minnhom twettaq tassew. L-għajnuna u l-kompliċità **ma jeħtiġux li l-persuna tikkondividi l-intenzjoni tal-attur prinċipali**.

## ☐ Impriża kriminali konġunta [lista ta' kontroll]

Impriża kriminali konġunta hija forma ta' kontribuzzjoni sinifikanti għat-twettiq minn oħrajn ta' att li jwassal għall-esklużjoni. Ir-rekwiżit għal impriża kriminali konġunta huma:

- pluralità ta' persuni li jikkondividu għan kriminali komuni
- kontribuzzjoni sinifikanti għal dan l-għan kriminali komuni
- li d-delitt maħsub b'mod komuni jkun seħħ realment

Impriża kriminali konġunta, għalhekk, teħtieġ iżjed mis-sempliċi assoċjazzjoni mal-persuni li jikkommettu d-delitti.

## ☐ Responsabbiltà għall-kmand [lista ta' kontroll]

Għandha tingħata attenzjoni lil individwi li kienu f'pożizzjoni ta' awtorità fuq subordinati involuti fl-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni. Jekk l-uffiċjal tal-każijiet ma jistax juri responsabbiltà individwali għall-att(i) fuq il-bażi tal-imġiba personali tal-applikant, din tista' tirriżulta mir-"responsabbiltà għall-kmand". Din hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni li persuni f'pożizzjonijiet superjuri fil-ġerarkiji għandhom responsabbiltajiet partikolari fir-rigward tal-imġiba ta' dawk li huma taħt il-kmand u l-kontroll effettiv tagħhom.

Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-elementi li ġejjin:

- ☐ l-eżistenza ta' **relazzjoni bejn superjur u subordinat** bejn l-individwu u l-ieħor jew l-oħrajn konnessi mal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni:

  L-identifikazzjoni ta' katina formali tal-kmand — f'ġerarkija militari jew ċivili — hija indikatur wieħed, iżda mhux esklussiva. L-uffiċjal tal-każijiet jista' jistabbilixxi relazzjoni bejn superjur u subordinat kull meta l-applikant kellu kmand/awtorità effettiva u kontroll fuq dawk li wettqu l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni.

- ☐ raġunijiet serji biex jitqies li l-applikant **kien jaf jew suppost kien jaf** li s-subordinat tiegħu kien wettaq, kien qed iwettaq, jew kien se jwettaq, l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni:

  Hawnhekk, l-għarfien għandu jiġi interpretat f'sens wiesa', inkluż jekk l-applikant suppost kienx jaf minħabba l-pożizzjoni tiegħu.

- ☐ l-applikant żamm lura jew **naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf** it-twettiq tal-att(i) u **li jikkastiga** l-atturi:

L-applikant xorta jista' jkun responsabbli individwalment fil-każ li jkun ipprova iżda naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf it-twettiq jew l-att(i) jekk ikun naqqas milli tikkastiga s-subordinat(i) tiegħu għal dan.

## L-istat mentali: intenzjoni u għarfien *(mens rea)*

F'dan l-istadju, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jeżamina jekk hemmx — jew le — raġunijiet serji biex jitqies li l-applikant kellu l-**għarfien** u l-**intenzjoni** li jipparteċipa fl-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni.




Mingħajr dawn l-elementi r-responsabbiltà individwali ma tistax tiġi stabbilita u l-klawżoli tal-esklużjoni ma japplikawx.

### ☐ Għarfien [lista ta' kontroll]

B'mod ġenerali, meta tiġi diskussa r-responsabbiltà individwali, l-"għarfien" huwa mifhum bħala konoxxenza li teżisti ċirkostanza jew li se sseħħ konsegwenza fil-perkors normali tal-affarijiet. L-uffiċjal tal-każijiet għalhekk għandu juri li hemm raġunijiet serji biex iqis li l-applikant kien konxju ta' dan.

Skont il-kwalifika tal-att li jwassal għall-esklużjoni, l-għarfien jista' jkollu sinifikat iżjed preċiż fiċ-ċirkostanzi speċifiċi (eż. ġenoċidju, delitti tal-gwerra).

Il-forom differenti ta' mġiba li jwasslu għar-responsabbiltà individwali jistgħu jeħtieġu wkoll li jintwerew elementi ta' għarfien speċifiċi (eż. it-tqanqil, ir-responsabbiltà għall-kmand).

L-uffiċjal tal-każijiet jista' juri l-għarfien u l-konoxxenza fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, inklużi d-dikjarazzjonijiet tal-applikant. Għandha tiġi eżerċitata kawtela, madankollu, meta l-għarfien huwa konkluż minn provi indizjarji, bħal informazzjoni dwar il-kuntest ġenerali li matulu seħħet l-imġiba, l-iskala tal-atroċitajiet imwettqa, in-natura ġenerali tagħhom f'reġjun jew pajjiż, eċċ. Dak li huwa disponibbli fl-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini mhux neċessarjament kien magħruf mill-applikant fiż-żmien meta twettaq id-delitt.

### ☐ Intenzjoni [lista ta' kontroll]

Żewġ aspetti tal-intenzjoni jridu jingħataw kundiserazzjoni:

- l-applikant kellu l-intenzjoni li jġib ruħu b'dan il-mod?
- l-applikant kellu l-intenzjoni li jikkawża l-konsegwenza (jew kien konxju li din se sseħħ fil-perkors normali tal-affarijiet)?

F'ċertu każijiet, il-kwalifika tal-atti li jwasslu għall-esklużjoni teħtieġ element ulterjuri ta' intenzjoni (eż. "intenzjoni ġenoċidali", intenzjoni speċifika għall-persekuzzjoni bħala delitt kontra l-umanità).

Ċertu tipi ta' parteċipazzjoni fit-twettiq ta' delitt minn persuna oħra jeħtieġu intenzjoni mhux biss fir-rigward tal-imġiba proprja, iżda wkoll tad-delitt (li se jiġi) imwettaq minn dik il-persuna (eż. l-ippjanar ta', l-għoti ta' ordni għal jew l-instigazzjoni tat-twettiq tad-delitti minn persuna oħra, impriża kriminali konġunta).

## Atti li jwasslu għall-esklużjoni attribwibbli lil grupp jew reġim [lista ta' kontroll]

Kawtela hija meħtieġa meta tiġi vvalutata l-esklużjoni fir-rigward ta' applikanti li kienu assoċjati ma' grupp jew reġim implikat f'atti li jwasslu għall-esklużjoni.

Il-fatt li applikant kien/huwa konness ma' grupp jew reġim responsabbli għal att(i) li jwasslu għall-esklużjoni ma jeżentax lill-uffiċjal tal-każijiet milli juri r-responsabbiltà individwali tal-applikant għat-tali att(i).

Ma teżistix responsabbiltà individwali bbażata fuq sempliċi assoċjazzjoni ma' grupp jew reġim kriminali. Skont in-natura, l-iskala tal-grupp jew ir-reġim, l-assoċjazzjoni volontarja mal-grupp u l-pożizzjoni, il-pożizzjoni fil-ġerarkija, l-istatus u l-influwenza tal-applikant fil-grupp, jista' jkun hemm biżżejjed evidenza biex jiġu inferiti r-rekwiżiti tal-"imġiba" taħt it-tip ta' responsabbiltà individwali applikabbli kif ukoll l-"istat mentali" tal-applikant. Jibqa' neċessarju, madankollu, li l-uffiċjal tal-każijiet jidentifika t-tip ta' responsabbiltà individwali rilevanti u jeżamina l-fatti fid-dawl tal-kriterji rispettivi.

L-elementi li ġejjin jeħtieġu jiġu kkunsidrati flimkien mal-attivitajiet attwali tal-applikant:

### □ Il-forma ta' assoċjazzjoni tal-applikant mal-grupp jew ir-reġim [lista ta' kontroll]

Minbarra l-attivitajiet, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-applikant, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jħares lejn il-forma preċiża tal-assoċjazzjoni li l-applikant għandu jew kellu mal-grupp jew mar-reġim implikat fl-atti li jwasslu għall-esklużjoni (eż. permezz ta' sħubija formali jew assoċjazzjoni informali).

### □ L-attivitajiet u n-natura tal-grupp jew tar-reġim [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra l-attivitajiet tal-grupp u n-natura kriminali tiegħu (eż. jistgħu jiġu attribwiti lilu delitti li jwasslu għall-esklużjoni) matul il-perjodu li fih l-applikant kien jew huwa assoċjat mal-grupp.

Il-fatt li l-grupp jew ir-reġim kien/huwa proskritt mill-Unjoni Ewropea u/jew il-komunità internazzjonali (ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-iskrutinju mill-Qorti Kriminali Internazzjonali, eċċ) ikun indikatur b'saħħtu li għandu jiġi kkunsidrat, iżda mhuwiex neċessarjament determinattiv.

Il-frammentazzjoni possibbli tal-grupp jew tar-reġim f'fergħat politiċi, militanti, tal-intelligence, eċċ għandha tingħata kunsiderazzjoni. Il-valutazzjoni mbagħad għandha tiffoka fuq il-parti tal-grupp jew tar-reġim li l-appikant kien assoċjat dirett magħha.

Analiżi bħal din se tikkunsidra wkoll l-għarfien mill-applikant tal-atti li jwasslu għall-esklużjoni kommessi mill-grupp jew mir-reġim.

### □ Il-libertà tal-għażla tal-assoċjazzjoni mal-grupp jew mar-reġim [lista ta' kontroll]

Sabiex juri r-responsabbiltà individwali, l-uffiċjal tal-każijiet huwa meħtieġ jistabbilixxi li l-applikant volontarjament:

- □ **assoċja ruħu** mal-grupp jew mar-reġim, u/jew
- □ **kompla bl-involviment tiegħu** mal-grupp jew mar-reġim: F'dan ir-rigward, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra t-tul ta' żmien li l-applikant kien assoċjat mal-grupp jew mar-reġim u l-opportunitajiet li kellu biex jiddissoċja ruħu minnu.

Tista' tittieħed inkunsiderazzjoni l-azzjoni taħt pressjoni.

### ☐ Pożizzjoni, pożizzjoni fil-ġerarkija, status u influwenza tal-applikant fil-grupp jew fir-reġim [lista ta' kontroll]

Il-pożizzjoni, il-pożizzjoni fil-ġerarkija, l-istatus u l-influwenza tal-applikant fil-grupp jew fir-reġim jistgħu jgħinu biex tiġi ddeterminata l-kapaċità tal-applikant li jikkontrolla jew jinfluwenza l-attivitajiet tal-grupp jew tar-reġim.

## Raġunijiet li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali [lista ta' kontroll]

### ☐ Nuqqas ta' kapaċità mentali li wieħed jifhem u jikkontrolla l-imġiba proprja [lista ta' kontroll]

Ċertu raġunijiet jistgħu jinnegaw l-element suġġettiv meħtieġ għar-responsabbiltà individwali (l-"istat mentali").

L-indikazzjonijiet li ġejjin li l-persuna ma kellhiex il-kapaċità li tifhem in-natura jew l-illegalità tal-imġiba tagħha jew il-kapaċità li tikkontrollaha għandhom jingħataw kunsiderazzjoni:

☐ ***Marda jew difett mentali*** *[lista ta' kontroll]*

Marda jew difett mentali li jneħħi l-kapaċità ta' dik il-persuna li tapprezza l-illegalità jew in-natura tal-imġiba tagħha, jew il-kapaċità li tikkontrolla l-imġiba tagħha biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi hija ċirkostanza li tinnega r-responsabbiltà individwali.

☐ ***Intossikazzjoni involontarja*** *[lista ta' kontroll]*

Dan **ma** japplikax bħala raġuni li tinnega r-responsabbiltà individwali jekk il-persuna tkun ġiet intossikata volontarjament taħt tali ċirkostanzi li l-persuna kienet taf, jew injorat ir-riskju, li, bħala riżultat tal-intossikazzjoni, probabbilment kienet se taġixxi b'mod li jikkostitwixxi att li jwassal għall-esklużjoni);

☐ ***Immaturità*** *[lista ta' kontroll]*

L-esklużjoni ma tkunx iġġustifikata f'każijiet li jinvolvu applikant li, fiż-żmien tal-involviment tiegħu f'atti kriminali, ma kienx laħaq l-età minima tar-responsabbiltà kriminali. Filwaqt li ma hemm l-ebda età minima miftiehma fuq livell internazzjonali sabiex tapplika l-esklużjoni, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal irrakkomanda li l-Istati jistabbilixxu livell limitu xieraq. Dan il-livell limitu ma għandux ikun stabbilit f'livell ta' età baxx wisq, billi jridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-maturità emozzjonali, mentali u intellettwali.

Din ir-raġuni għan-negazzjoni tar-responsabbiltà kriminali tista' tapplika wkoll jekk l-applikant kien laħaq l-età minima tar-responsabbiltà kriminali fiż-żmien meta saru l-atti kriminali, iżda jiġi determinat li ma kienx laħaq il-livell ta' maturità intellettwali, fiżika u/jew emozzjonali meħtieġa biex wieħed jifhem in-natura tal-illegalità tal-imġiba tiegħu.

Fil-każ ta' tfal, l-analiżi tal-esklużjoni trid tikkunsidra ċertu konsiderazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari dawk relatati mal-aħjar interessi tat-tfal, il-kapaċità mentali tat-tfal u l-abilità tagħhom li jifhmu u li jagħtu l-kunsens tagħhom għall-atti li huma mitluba jew ordnati li jwettqu. L-uffiċjal tal-każijiet għalhekk għandu jiżgura li jkun hemm stabbiliti s-salvagwardji proċedurali meħtieġa.

Madankollu, it-tfal taħt l-età ta' 18-il sena jistgħu jinżammu kriminalment responsabbli jekk dan huwa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-livell ta' maturità, b'kunsiderazzjoni tal-edukazzjoni, l-għarfien, il-vulnerabilità, eċċ tat-tifel jew tifla għandu jitqies f'dan ir-rigward.

Il-maġġoranza tal-Istati jipprovdu għal età (fiż-żmien tal-imġiba) li taħtha l-individwu ma jistax jiġi eskluż mill-protezzjoni internazzjonali irrispettivament miċ-ċirkostanzi. Ħafna drabi, din tikkoinċidi mal-età minima li fiha tista' tirriżulta r-responsabbiltà kriminali, prevista mid-dritt kriminali nazzjonali.

| Il-prattika nazzjonali: |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna l-età minima fir-rigward tal-applikazzjoni tar-raġunijiet għall-esklużjoni.* |

## □ Żball ta' fatt u żball ta' liġi [lista ta' kontroll]

Skont l-istandards internazzjonali, l-iżball ta' fatt u l-iżball ta' liġi jistgħu, taħt ċertu ċirkostanzi, jinnegaw ir-responsabbiltà individwali billi jinnegaw l-elementi mentali meħtieġa:

- □ **żball ta' fatt:** żball ta' fatt għandu jkun raġuni biex tiġi negata r-responsabbiltà biss jekk dan jinnega l-element mentali meħtieġ mid-delitt.
- □ **żball ta' liġi:** żball ta' liġi rigward jekk tip partikolari ta' mġiba huwiex delitt jista' jkun raġuni biex tiġi eskluża r-responsabbiltà biss jekk dan jinnega l-element mentali meħtieġ minn delitt bħal dan, jew fir-rigward tad-difiża ta' ordnijiet minn superjuri fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet.

## □ Risposti ta' difiża [lista ta' kontroll]

Fil-każijiet fejn jiġu stabbiliti raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant wettaq l-att li jwassal għall-esklużjoni, l-uffiċjal tal-każijiet irid jikkunsidra jekk jistgħux japplikaw ċirkostanzi oħrajn li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali.

L-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra l-livell sa fejn l-applikant, meta kkommetta l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni, għamel dan f'waħda miċ-ċirkostanzi stabbiliti hawn taħt:

### *Azzjoni taħt pressjoni* [lista ta' kontroll]

*Il-kundizzjonijiet **kumulattivi** li ġejjin iridu jiġu ssodisfati:*

1. L-imġiba tal-applikant irriżultat minn theddida (kontra l-applikant jew persuna oħra) ta' mewt imminenti jew dannu fiżiku serju kontinwu jew imminenti.
2. L-applikant aġixxa neċessarjament u raġjonevolment biex jevita din it-theddida.
3. L-applikant ma kellux l-intenzjoni li jikkawża ħsara ikbar minn dik li pprova jevita.

### *Awtodifiża jew difiża ta' oħrajn (jew ta' proprjetà fil-każ ta' delitti tal-gwerra)* [lista ta' kontroll]

*Il-kundizzjonijiet **kumulattivi** li ġejjin iridu jiġu ssodisfati:*

1. L-użu imminenti u illegali tal-forza kontra l-applikant jew persuna oħra (jew proprjetà).
2. L-applikant aġixxa b'mod raġjonevoli biex jiddefendi lilu nnifsu jew persuna oħra (jew proprjetà).
3. L-imġiba tal-applikant kienet proporzjonata għal-livell ta' periklu.

   *Id-difiża ta' proprjetà tista' teskludi r-responsabbiltà għad-delitti tal-gwerra biss. Trid tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*
   a. il-proprjetà kienet essenzjali għas-sopravivenza tal-applikant jew is-sopravivenza ta' persuna oħra, jew
   b. il-proprjetà kienet essenzjali biex titwettaq missjoni militari.

### *Ordnijiet minn superjuri* [lista ta' kontroll]

*Il-kundizzjonijiet **kumulattivi** li ġejjin iridu jiġu ssodisfati:*

1. L-imġiba kienet skont ordni ta' gvern jew ta' superjur tal-applikant (kemm jekk militari jew ċivili);
2. Il-persuna kienet taħt obbligu legali li tobdi l-ordnijiet tal-gvern jew tas-superjur inkwistjoni;
3. Il-persuna ma kinitx taf li l-ordni kienet illegali; u
4. L-ordni ma kinitx tidher illegali (skont l-istandards internazzjonali, ordni biex tikkommetti tortura, ġenoċidju jew delitti kontra l-umanità jitqiesu bħala manifestament illegali).

## Kunsiderazzjonijiet addizzjonali [lista ta' kontroll]

Il-kunsiderazzjonijiet t'hawn taħt huma soġġetti għall-prattika nazzjonali.

Meta jkun hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant kellu responsabbiltà individwali għall-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni, skont il-prattika nazzjonali, l-uffiċjal tal-każijiet jista' jkompli jikkunsidra jekk l-esklużjoni f'dan il-każ tissodisfax l-**għanijiet tal-klawżoli tal-esklużjoni**. Aktar ma jkunu gravi l-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni, inqas huma rilevanti l-fatturi li ġejjin meta tittieħed id-deċiżjoni finali.

### □ Sentenza skontata għall-att li (kieku) jwassal għall-esklużjoni [lista ta' kontroll]

Skont il-prattika nazzjonali, l-uffiċjal tal-każijiet jista' jikkunsidra jekk l-applikant diġà kienx ikkastigat biżżejjed għall-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni billi jikkunsidra:

- □ **iż-żmien li serva** relattiv ma' dak li huma meqjus żmien raġjonevoli skont l-istandards tal-UE;
- □ **l-imġiba tal-individwu minn dak iż-żmien** tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-att(i) inkluż meta kien fil-ħabs;
- □ jekk l-applikant kienx **esprima dispjaċir**, **ipprova jirranġa l-affarijiet** u/jew ħax responsabbiltà għall-att(i).

### □ Iż-żmien li għadda mill-imġiba kriminali [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet jista' jikkunsidra l-istatut tal-limitazzjoni li d-delitt(i) rispettivi huma soġġetti għalih, jiġifieri jekk id-delitt(i) mhux se jiġu proċessati jew ma għadhomx jistgħu jiġu proċessati.

Dan jista' jkun rilevanti l-aktar meta jiġu kkunsidrati delitti serji inqas gravi, billi atti oħrajn li jwasslu għall-esklużjoni — minħabba l-gravità partikolari tagħhom — mhumiex koperti minn statut ta' limitazzjoni.

### □ Amnestija jew maħfra [lista ta' kontroll]

L-uffiċjal tal-każijiet jista' jikkunsidra wkoll jekk l-att(i) kommessi mill-applikant humiex soġġetti għal amnestija jew maħfra.

F'dak il-każ, għandu jiġi kkunsidrat jekk:

- □ l-amnestija jew il-maħfra kinux **espressjoni tar-rieda demokratika** taċ-ċittadini tal-pajjiż rilevanti, u
- □ jekk l-individwu inżammx **responsabbli b'modi oħrajn** (eż. permezz ta' Kummissjoni għall-Verità u r-Rikonċiljazzjoni).

Jista' jkun hemm gwida nazzjonali dwar kunsiderazzjonijiet addizzjonali.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna gwida nazzjonali speċifika dwar kunsiderazzjonijiet addizzjonali.* |

# 7. L-abbozzar tal-elementi tad-deċiżjoni relatati mal-esklużjoni [lista ta' kontroll]

Identifikazzjoni → Riferiment → Intervista → Valutazzjoni tal-evidenza → Analiżi legali → **Deċiżjoni** → Riferiment

Id-deċiżjoni trid tiġġustifika b'mod ċar u oġġettiv l-esklużjoni tal-applikant mill-istatus ta' rifuġjat u/jew mill-protezzjoni sussidjarja.

## □ Ara li l-partijiet differenti tad-deċiżjoni huma definiti b'mod ċar [lista ta' kontroll]

Li jkun hemm struttura definita b'mod ċar fid-deċiżjoni jikkontribwixi għal iżjed ċarezza, trasparenza u oġġettività fir-raġunament u l-konklużjonijiet. Is-separazzjoni tal-kwistjonijiet ta' fatti u l-kwistjonijiet ta' liġi hija element importanti biex jintwera li ġie segwit approċċ ġust u strutturat fil-valutazzjoni tal-każ.

L-istruttura ssuġġerita hawn taħt tirrifletti l-gwida t'hawn fuq u għandha tinqara flimkien mal-kontenut inkluż fit-taqsimiet rispettivi. Dan huwa mingħajr ħsara għall-wiri fid-deċiżjoni li l-kriterji għall-kwalifika ta' status ta' rifuġjat jew għal protezzjoni sussidjarja huma sodisfatti b'mod ieħor:

| | | |
|---|---|---|
| **Kwistjonijiet ta' fatti** | **1.** Il-bażi tat-talba | *L-ewwel parti ta' deċiżjoni normalment tiġbor fil-qosor il-fatti materjali identifikati.*<br>*L-elementi disponibbli tal-evidenza għandhom ikunu speċifikati wkoll.*<br>*Din il-parti ma għandhiex tinkludi kwalunkwe valutazzjoni.* |
| | **2.** Valutazzjoni tal-kredibilità | *Il-parti tal-valutazzjoni (tal-evidenza) tal-kredibilità tiffoka fuq il-fatti materjali identifikati u l-biċċiet ta' evidenza rispettivi u tivvalutahom skont l-indikaturi tal-kredibilità.*<br>*Fuq il-bażi ta' din il-parti, għandu jkun ċar liema fatti materjali ġew aċċettat u liema ġew miċħuda.* |
| **Kwistjonijiet ta' liġi** | **3.** Il-kwalifika tal-att li jwassal għall-esklużjoni | *Il-fatti materjali aċċettati huma l-bażi għall-kwalifikazzjoni tal-att potenzjali li jwassal għall-esklużjoni skont l-elementi deskritti hawn fuq.* |
| | **4.** Ir-responsabbiltà individwali:<br>**a.** l-imġiba tal-applikant<br>**b.** l-intenzjoni u l-għarfien<br>**c.** ċirkostanzi li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali<br>**d.** kunsiderazzjonijiet addizzjonali (jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali) | *Parti kruċjali tad-deċiżjoni hija li tiġi stabbilita r-responsabbiltà individwali. Din għandha tħares lejn l-elementi kollha:*<br>*x'kienet il-konnessjoni tal-imġiba tal-applikant mal-att(i) li jwasslu għall-esklużjoni, l-element mentali (l-intenzjoni u l-għarfien) kien dak meħtieġ skont id-definizzjoni tal-att(i) identifikati u t-tip ta' responsabbiltà individwali rilevanti preżenti, u jistgħu japplikaw ċirkostanzi li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali. Jistgħu japplikaw kunsiderazzjonijiet addizzjonali skont il-prattika nazzjonali.* |
| | **5.** Deċiżjoni | *Fil-każ li tkun ġiet applikata l-esklużjoni mill-istatus ta' rifuġjat u/jew mill-protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri xorta jistgħu jiddeċiedu li jagħtu r-residenza/protezzjoni għal raġunijiet umanitarji jew oħrajn lil persuni esklużi. Skont is-sistema nazzjonali, dan jista' jkun parti mid-deċiżjoni tal-esklużjoni jew att separat.* |

# 8. Riferiment għal investigazzjoni u/jew prosekuzzjoni [lista ta' kontroll]

Identifi kazzjoni → Riferiment → Intervista → Valutazzjoni tal-evidenza → Analiżi legali → Deċiżjoni → **Riferiment**

Skont is-sejbiet li jsiru f'każ ta' esklużjoni potenzjali (mingħajr ħsara għall-eżitu attwali), jista' jkun hemm passi oħrajn neċessarji li l-uffiċjal tal-każijiet irid jikkunsidra. Passi bħal dawn jistgħu jkunu meħtieġa f'kull stadju tal-eżaminazzjoni tal-każ. Jekk is-sejbiet huma relatati mal-atti li jistgħu jiġu investigati u pproċessati fl-Istat Membru konċernat, dawn għandhom jiġu riferuti lill-awtoritajiet rilevanti malajr kemm jista' jkun.

| |
|---|
| Anki jekk il-persuna ma tiġix eskluża, jista' jkun hemm raġunijiet biżżejjed biex il-każ jiġi riferut lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-investigazzjoni u /jew il-prosekuzzjoni. |

Skont ir-regolamenti nazzjonali kif ukoll l-obbligi skont id-dritt internazzjonali, dan jista' jirrikjedi li l-informazzjoni miġbura fil-każ tintbagħat lill-awtoritajiet rilevanti bħall-uffiċċju tal-prosekutur, il-pulizija u/jew is-servizzi tas-sigurtà.

F'dawk l-azzjonijiet, l-uffiċjal tal-każijiet għandu jikkunsidra r-regolamenti applikabbli dwar il-**privatezza u l-kunfidenzjalità,** kif ukoll kwalunkwe arranġament nazzjonali.

| **Il-prattika nazzjonali:** |
|---|
| *Inkludi informazzjoni li tikkonċerna l-arranġamenti nazzjonali rilevanti.* |

# Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni

# LISTI TA' KONTROLL

- *Ikklikkja fuq il-punti fil-lista ta' kontroll għal gwida ulterjuri.*

# 1. X'inhi l-esklużjoni?

Ftakar:

- ☐ **L-applikazzjoni tal-klawżoli tal-esklużjoni hija obbligatorja**
- ☐ **L-għan tal-esklużjoni huwa s-salvagwardja tal-integrità tal-istituzzjoni tal-asil**
  - ☐ kontra l-użu ħażin minn dawk li ma ħaqqhomx il-protezzjoni internazzjonali
  - ☐ kontra l-evażjoni mir-responsabbiltà għal delitti serji
- ☐ **Ir-raġunijiet għall-esklużjoni huma:**
  - ☐ delitti kontra l-paċi, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità
  - ☐ delitti mhux politiċi serji mwettqa barra mill-pajjiż ta' rifuġju qabel l-ammissjoni tal-persuna bħala rifuġjat
  - ☐ atti kontra l-prinċipji u l-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti
  - ☐ delitti serji *(protezzjoni sussidjarja biss)*
  - ☐ il-periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membru li l-applikant huwa preżenti fih *(protezzjoni sussidjarja biss)*
  - ☐ delitti oħra, taħt ċertu ċirkostanzi *(protezzjoni sussidjarja biss)*
- ☐ **L-oneru tal-provi li l-kriterji tal-esklużjoni huma ssodisfati huwa fuq l-Istat**

# 2. Identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' esklużjoni

- ☐ **Uża r-riżorsi disponibbli għall-identifikazzjoni**
- ☐ **Ikkunsidra l-informazzjoni disponibbli**
  - ☐ ikkonsulta l-fajl tal-każ
  - ☐ ikkonsulta l-informazzjoni rilevanti dwar il-pajjiż tal-oriġini
- ☐ **Hemm xi profili minnhom li huma applikabbli?**
  - ☐ suldat
  - ☐ grupp ta' ribelli
  - ☐ milizja
  - ☐ pulizija (jew fergħat partikolari tal-pulizija)
  - ☐ is-servizzi tal-intelligence
  - ☐ membru tal-gvern
  - ☐ uffiċjal pubbliku
  - ☐ membru ta' organizzazzjoni
  - ☐ konnessjoni mal-kategoriji t'hawn fuq
  - ☐ konnessjoni ma' avveniment
  - ☐ atti kriminali

***Ftakar li r-rilevanza tiddependi fuq il-pajjiż ta' oriġini***

***Ftakar li din il-lista mhijiex eżawrjenti***

# 3. Riferiment u garanziji proċedurali

- ☐ **Jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali, irreferi l-każ potenzjali ta' esklużjoni**
- ☐ **Ara li hemm stabbiliti garanziji proċedurali applikabbli**
  - ☐ li taħtar konsulent legali jekk applikabbli
  - ☐ li tinforma l-applikant (u/jew il-konsulent legali) li qed tiġi kkunsidrata l-esklużjoni
  - ☐ garanziji proċedurali speċifiċi oħrajn

# 4. Intervista li tiffoka fuq l-esklużjoni

**Preparazzjoni**

- ☐ **Ftakar fl-importanza tal-preparazzjoni**
- ☐ **Ikkonsulta l-gwida nazzjonali rilevanti u l-każistika rilevanti**
- ☐ **Sa fejn possibbli, identifika l-fatti materjali relatati mal-esklużjoni**
- ☐ **Ipprepara pjan tal-każ**
- ☐ **Ipprepara mentalment**
- ☐ **Agħmel arranġamenti prattiċi**
  - ☐ ikkunsidra jekk huwiex xieraq li tinvolvi uffiċjal tal-każijiet ieħor
  - ☐ arranġamenti tas-sigurtà
  - ☐ agħżel l-interpretu
  - ☐ informa lill-interpretu
  - ☐ il-possibbiltà li ssir intervista addizzjonali

**Kif twettaq l-intervista**

- ☐ **Ipprovdi informazzjoni lill-applikant skont il-prattika nazzjonali**
- ☐ **Aċċerta ruħek li l-imġiba tal-interpretu hija xierqa**
- ☐ **Żomm attitudni professjonali**
- ☐ **Uża tekniki tal-intervista xierqa**
  - ☐ adatti għall-individwu
  - ☐ investi fil-bini ta' relazzjoni tajba
  - ☐ applika l-approċċ lenbut
  - ☐ iċċekkja u kkonferma
- ☐ **Iffoka fuq l-involviment individwali tal-applikant: *"Jien"* minflok *"aħna"***
- ☐ **Indirizza kwistjonijiet potenzjali ta' kredibilità**

# 5. Valutazzjoni tal-evidenza

- ☐ **Applika l-istandard "raġunijiet serji li jridu jiġu kkunsidrati"**
- ☐ **Eżamina ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, anke meta l-oneru tal-provi jkun fuq l-applikant**
- ☐ **Ikkunsidra ċertu speċifiċitajiet**
  - ☐ evidenza li l-applikant kien soġġett għal proċedimenti kriminali fil-pajjiż ta' oriġini
  - ☐ materjal kunfidenzjali
  - ☐ sorsi miftuħin u l-midja soċjali
  - ☐ testimonjanzi anonimi

# 6. Analiżi legali

## 6.1. Il-kwalifika ta' atti li jwasslu għall-esklużjoni

□ ***Hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant seta' kien assoċjat ma' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:***

| a. | Att | Kuntest | Attur | Oġġett | Element mentali speċifiku[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Delitt kontra l-paċi*** | *Rigward gwerra ta' aggressjoni:* □ l-ippjanar □ il-preparazzjoni □ il-bidu □ it-twettiq □ il-parteċipazzjoni fi pjan jew konfoffa komuni | □ Kunflitt armat internazzjonali (irid ikun involut Stat jew entità li tixbah Stat) | □ Pożizzjoni ta' awtorità għolja | — | — |
| ***Delitt tal-gwerra*** | □ Ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali li jinvolvi responsabbiltà individwali direttament skont id-dritt kriminali internazzjonali (fost oħrajn l-Artikolu 8 tal-Istatut ta' Ruma) | □ L-eżistenza ta' kunflitt armat (internazzjonali jew mhux internazzjonali) □ Nexus (konnessjoni) mal-kunflitt armat | □ Kwalunkwe (inkluż ċittadini) | □ Persuni / oġġetti protetti □ Kwalunkwe, jekk isir użu minn armi jew metodi ta' gwerra illegali | *Għarfien dwar:* □ l-eżistenza ta' kunflitt u □ l-istatus protett tal-persuna/oġġett attakkat □ l-element mentali speċifiku japplika għal ċertu delitti tal-gwerra |
| ***Delitt kontra l-umanità*** | □ Reat li jikkwalifika (att fundamentalment inuman) — ara l-Artikoli 6 u 7 tal-Istatut ta' Ruma | *Attakk li huwa:* □ Dirett lejn il-popolazzjoni ċivili □ Mifrux jew sistematiku (parti minn xejra ta' kondotta ħażina) | □ Kwalunkwe (inkluż ċittadini) | □ Il-popolazzjoni ċivili (inkluż persuni mhux ċivili f'ċertu ċirkostanzi) □ Ċertu delitti kontra l-umanità jeħtieġu oġġett speċifiku (eż. ġenoċidju) | □ Għarfien tal-attakk □ Ċertu delitti kontra l-umanità jeħtieġu intenzjoni speċifika (eż. persekuzzjoni u ġenoċidju) |

[1] Sabiex ċertu atti jikkwalifikaw, jista' jkun meħtieġ element mentali speċifiku minbarra r-rekwiżiti tal-istat mentali ġenerali ta' intenzjoni (fir-rigward tal-imġiba u/jew il-konsegwenzi) u għarfien (fir-rigward tal-imġiba, il-konsegwenzi u/jew iċ-ċirkostanzi rilevanti), kif meħtieġ skont id-definizzjoni tad-delitt(i) inkwistjoni.

☐ ***Hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant seta' kien assoċjat ma' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:***

| b. | Att | Kuntest | Attur | Oġġett | Element mentali speċifiku[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Delitt mhux politiku serju (stat ta' rifuġjat)*** | ☐ Delitt li jikkwalifika — serju biżżejjed<br>☐ Mhux politiku (test tal-predominanza) | *Id-delitt twettaq:*<br>☐ barra mill-pajjiż ta' rifuġju<br>☐ qabel l-ammissjoni bħala rifuġjat | Kwalunkwe | Kwalunkwe (skont id-definizzjoni tad-delitt) | Jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi, skont id-delitt |
| ***Delitt serju (protezzjoni sussidjarja)*** | ☐ Delitt li jikkwalifika — serju biżżejjed | — | Kwalunkwe | Kwalunkwe (skont id-definizzjoni tad-delitt) | — |

☐ **Hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li l-applikant seta' kien assoċjat ma' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:**

| c. | Att | Kuntest | Attur | Oġġett | Element mentali speċifiku[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipjii tan-Nazzjonijiet Uniti*** | ☐ Ksur tad-drittijiet umani serju u sostnut kif ukoll atti deżinjati speċifikament mill-komunità internazzjonali bħala kuntrarju għall-prinċipji u l-għanijiet tan-NU | ☐ Dimensjoni internazzjonali (kapaċi jaffettwa l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u r-relazzjonijiet paċifiċi bejn l-Istati) | ☐ Kwalunkwe (ħafna drabi persuna b'pożizzjoni ta' awtorità għolja) | ☐ Skont l-att jistgħu japplikaw xi speċifiċitajiet | ☐ Skont l-att jistgħu japplikaw xi speċifiċitajiet |

☐ **Fir-rigward tal-esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja biss:**

***Hemm raġunijiet serji biex il-persuna titqies bħala periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat?***

☐ **Rigward l-esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja biss u jekk applikabbli skont il-liġi nazzjonali:**

L-applikant wettaq delitt wieħed jew iżjed li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-esklużjoni?

| | Att | Kuntest | Attur | Oġġett | Element mentali speċifiku[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Delitti oħrajn, taħt ċertu ċirkostanzi*** | ☐ Delitt wieħed jew iżjed li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' raġunijiet oħra għall-esklużjoni<br>☐ Att(i) punibbli bil-priġunerija, kieku mwettqa fl-Istat Membru | ☐ Imwettqa qabel l-ammissjoni fl-Istat Membru<br>☐ Tluq mill-pajjiż ta' oriġini biss sabiex jiġu evitati s-sanzjonijiet li rriżultaw minn dawk id-delitti | ☐ Kwalunkwe | — | — |

☐ ***Jekk qed teżamina każ ta' atti ta' natura terroristika, ikkunsidra liema raġuni għall-esklużjoni tista' tapplika, fuq il-bażi tal-elementi t'hawn fuq.***

## 6.2. Ir-responsabbiltà individwali

- ☐ **Stabbilixxi jekk l-imġiba tal-applikant hijiex marbuta mal-att li jwassal għall-esklużjoni billi tikkunsidra:**
  - ☐ **Twettiq dirett:** L-applikant wettaq l-att li jwassal għall-esklużjoni b'mod dirett?
  - ☐ **Persważjoni ta' oħrajn:** L-applikant ipperswada lil oħrajn biex iwettqu l-att(i)?
  - ☐ **Għajnuna u kompliċità:** L-applikant għen u kien kompliċi fit-twettiq tal-att(i) minn oħrajn?
  - ☐ **Impriża kriminali konġunta:** L-applikant ipparteċipa f'impriża kriminali konġunta?
  - ☐ **Responsabbiltà tal-kmand:** L-applikant huwa responsabbli għall-atti tas-subordinat(i) tiegħu?
- ☐ **Ivvaluta l-istat mentali tal-applikant fiż-żmien tal-imġiba:**
  - ☐ Għarfien
  - ☐ Intenzjoni

| Fejn l-applikant seta' kien l-awtur | Fejn l-applikant seta' ppparteċipa fit-twettiq ta' delitti minn oħrajn |
|---|---|
| **Intenzjoni** fir-rigward ta':<br>• l-imġiba u/jew<br>• il-konsegwenzi<br>• *kif meħtieġ skont id-definizzjoni applikabbli tad-delitt*<br>**Għarfien** fir-rigward ta':<br>• imġiba<br>• il-konsegwenzi u/jew<br>• iċ-ċirkostanzi rilevanti<br>• *kif meħtieġ skont id-definizzjoni applikabbli tad-delitt* | **Intenzjoni** fir-rigward ta':<br>• l-imġiba u/jew<br>• il-konsegwenzi<br>• *kif meħtieġ skont it-tip rilevanti ta' parteċipazzjoni*<br>**Għarfien** fir-rigward ta':<br>• imġiba<br>• il-konsegwenzi u/jew<br>• iċ-ċirkostanzi rilevanti<br>• *kif meħtieġ skont it-tip rilevanti ta' parteċipazzjoni* |

- ☐ **Meta atti li jwasslu għall-esklużjoni jiġu attribwiti lil grupp jew reġim li l-applikant kien assoċjat magħhom, ikkunsidra b'mod partikolari:**
  - ☐ l-attivitajiet tal-applikant
  - ☐ il-forma ta' assoċjazzjoni tal-applikant mal-grupp jew ir-reġim
  - ☐ l-attivitajiet u n-natura tal-grupp jew tar-reġim
  - ☐ il-libertà tal-għażla tal-assoċjazzjoni mal-grupp jew mar-reġim
  - ☐ il-pożizzjoni, il-pożizzjoni fil-ġerarkija, l-istatus u l-influwenza tal-applikant fil-grupp jew fir-reġim
- ☐ **Ivvaluta jekk japplikawx raġunijiet li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali:**
  - ☐ Nuqqas ta' kapaċità mentali li wieħed jifhem u jikkontrolla l-imġiba proprja
    - ☐ marda jew difett mentali
    - ☐ intossikazzjoni involontarja
    - ☐ nuqqas ta' maturità
  - ☐ Żball ta' fatt jew żball ta' liġi
  - ☐ Risposti ta' difiża
    - ☐ azzjoni taħt pressjoni
    - ☐ awtodifiża jew difiża ta' oħrajn (jew ta' proprjetà fil-każ ta' delitti tal-gwerra)
    - ☐ ordnijiet minn superjur
- ☐ **Jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali, ikkunsidra kunsiderazzjonijiet addizzjonali:**
  - ☐ sentenza skontata għall-att li (kieku) jwassal għall-esklużjoni
  - ☐ iż-żmien li għadda mill-imġiba kriminali
  - ☐ amnestija jew maħfra

# 7. Abbozzar tal-elementi tad-deċiżjoni relatati mal-esklużjoni

☐ **Ara li l-partijiet differenti tad-deċiżjoni jiġu definiti b'mod ċar:**

**Kwistjonijiet ta' fatti:**

1. **Il-bażi ta' dak sostnut** — inkluża l-evidenza disponibbli
2. **Il-valutazzjoni tal-kredibilità** — li tikkonkludi b'mod ċar dwar il-fatti materjali aċċettati/rifjutati

**Kwistjonijiet ta' liġi:**

3. **Il-kwalifika tal-att li jwassal għall-esklużjoni**
4. **Ir-responsabbiltà individwali**
   a. **l-imġiba** tal-applikant, li tidentifika b'mod ċar it-tip ta' responsabbiltà individwali determinata bħala applikabbli
   b. **l-intenzjoni u l-għarfien**, kif meħtieġ fid-dawl tal-kriterji li jikkontrollaw it-tip ta' responsabbiltà individwali determinata bħala applikabbli
   c. **ċirkostanzi li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali**
   d. **kunsiderazzjonijiet addizzjonali** (jekk applikabbli skont il-prattika nazzjonali)
5. **Deċiżjoni**

# 8. Riferiment għal investigazzjoni u/jew prosekuzzjoni

☐ **Irreferi l-każ lill-awtoritajiet rilevanti skont in-natura tas-sejbiet**
*Qies il-kunsiderazzjonijiet tal-privatezza u l-kunfidenzjalità.*

# Gwida Prattika tal-EASO: Esklużjoni

# REFERENZI

*Din it-taqsima tiddeskrivi l-leġiżlazzjoni u l-każistika rilevanti li tista' tgħin lill-uffiċjal tal-każijiet meta jkun qed jeżamina każ potenzjali ta' esklużjoni.*

# Direttiva dwar il-Kwalifika

*Il-klawżoli tal-esklużjoni skont id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija:*

| Esklużjoni mill-istatus ta' refuġjat | Esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja |
|---|---|
| **L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika** | **L-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika** |
| 1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat huma **esklużi mill-istatus ta' rifuġjat** jekk:<br><br>(a) il-persuna taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-**Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra** […]<br><br>(b) il-persuna tingħaraf mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih qed tgħix bħala li għandha **d-drittijiet u l-obbligi li jingħataw lill-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti** għalihom.<br><br>2. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat huma **esklużi mill-istatus ta' rifuġjat** meta jkun hemm **raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat** li:<br><br>(a) wettqu **delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità**, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;<br><br>(b) wettqu **delitt mhux politiku serju barra mill-pajjiż ta' rifuġju qabel l-ammissjoni tagħha bħala rifuġjat**, li jfisser iż-żmien meta jinħareġ permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' status ta' rifuġjat; azzjonijiet partikolarment krudili, anke jekk imwettqa b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti mhux politiċi serji;<br><br>(c) hija kienet ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbilit fil-Preamblu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.<br><br>3. Il-paragrafu 2 japplika għal persuni **li jqanqlu jew inkella li jipparteċipaw** fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih. | 1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi **eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja** meta jkun hemm **raġunijiet serja biex jiġi kkunsidrat** li:<br><br>(a) hija tkun wettqet **delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità**, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;<br><br>(b) tkun wettqet **delitt serju**;<br><br>(c) kienet ħatja ta' **atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti** kif iddikjarat fil-Preamblu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;<br><br>(d) tikkostitwixxi **periklu għall-komunità jew għas-sigurta** tal-Istat Membru li hija preżenti fih.<br><br>2. Il-paragrafu 1 japplika għal persuni **li jqanqlu jew inkella li jipparteċipaw** fit-twettiq tad-delitti jew atti msemmija fih.<br><br>3. L-Istati Membri **jistgħu** jeskludu ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat milli jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja jekk **qabel id-dħul tagħhom** fl-Istat Membru jkunu wettqu **delitt wieħed jew aktar, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 punibbli bil-priġunerija**, kieku twettaq/twettqu fl-Istat Membru kkonċernat, u jekk tali ċittadin jew persuna **jkunu telqu mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-unika raġuni li jevitaw sanzjonijiet li jirriżultaw minn dawk id-delitti.** |

Mur lura għall-Gwida.

# Taqsiriet u links utli

- **DK —** id-Direttiva dwar il-Kwalifika
  - It-test tad-DK
- **ICTR —** Qorti Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda
  - Dwar l-ICTR
  - Ġurisprudenza
- **ICTY —** Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja
  - Dwar l-ICTY
  - Ġurisprudenza
- **L-Istatut ta' Ruma —** L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali
  - It-test tal-Istatut ta' Ruma
- **QEDB** — Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem
  - Dwar il-QEDB
  - Ġurisprudenza
- **QIĠ —** Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja
  - Dwar il-QIĠ
  - Ġurisprudenza
- **QtĠ-UE —** Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
  - Dwar il-QtĠ-UE
  - Ġurisprudenza
- **SCSL —** Qorti Speċjali għas-Sierra Leone
  - Dwar l-SCSL
  - Ġurisprudenza

*Din il-ħarsa ġenerali lejn ir-referenzi legali u l-ġurisprudenza mhijiex maħsuba sabiex tkun għodda ta' referenza eżawrjenti. Din għandha l-għan biss li tipprovdi direzzjoni prattika lill-uffiċjal tal-każijiet billi tirreferi għal uħud mid-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza l-aktar rilevanti.*

*Ir-referenzi t'hawn taħt huma organizzati skont is-suġġetti.*

# Valutazzjoni tal-Evidenza

## L-oneru tal-provi

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 4 tad-DK<br>L-Artikolu 12 tad-DK<br>L-Artikolu 17 tad-DK | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, para. 95 |

## L-istandard tal-prova

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 4 tad-DK<br>L-Artikolu 12 tad-DK<br>L-Artikolu 17 tad-DK | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, para. 87<br>▪ **Il-Qorti Suprema (ir-Renju Unit)**, JS vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, 17 ta' Marzu 2010, para. 39<br>▪ **Il-Qorti Suprema (ir-Renju Unit)**, Al-Sirri vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, 21 ta' Novembru 2012, para. 69–75<br>▪ **Il-Qorti tal-Appell (l-Ingilterra u Wales)**, AN (l-Afganistan vs. is-Segretarju tal-Istat għall-Intern), [2015], EWCA<br>▪ **Il-Qorti Suprema tal-Kanada**, Ezokola vs. il-Kanada (Ministeru taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni), 2013 SCC 40, [2013] 2 S.C.R. 678, Introduzzjoni<br>▪ **Il-Qorti Suprema tal-Kanada**, Pushpanathan vs il-Kanada (Ministeru taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni), [1998] 1 S.C.R. 982<br>▪ **It-Tribunal tal-Appelli Amministrattivi (l-Awstralja)**, SRYYY vs. il-Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Multikulturali, [2006] AATA 320, 5 ta' April 2006, paras 52–62 |

# Il-kwalifika ta’ atti li jwasslu għall-esklużjoni

## Delitt kontra l-paċi

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 1F(a) tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra<br>L-Artikolu 12(2) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 17(1) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 8*bis* tal-Istatut ta’ Ruma<br>L-Artikolu 6 tal-Karta tal-1945 tat-Tribunal Militari Internazzjonali (London Charter) | ▪ **Il-Qorti Federali tal-Kanada**, Hinzman vs il-Kanada (Ministeru taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni) (F.C.), 2006 FC 420, [2007] 1 F.C.R. 561, il-Kanada: Il-Qorti Federali, 31 ta’ Marzu 2006; para. 141–142 u 155–160 |

## Delitt tal-gwerra

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 1F(a) tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra<br>L-Artikolu 12(2) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 17(1) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 8 tal-Istatut ta’ Ruma<br>Id-dispożizzjonijiet dwar ksur gravi tal-Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra tal-1949 u<br>l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizjonali I komuni għall-<br>Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra tal-1949<br>L-Artikoli 4, 13 u 16 tal-Protokoll Addizzjonali II | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-94-1, il-Prosekutur vs Dusko Tadic, (l-Awla tal-Appell), id-Deċiżjoni dwar il-Mozzjoni ta’ Difiża għall-Appell Interlokutorju dwar il-Ġurisprudenza, 2 ta’ Ottubru 1995, para. 128–134 |

## Delitt kontra l-umanità

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 1F(a) tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra<br>L-Artikolu 12(2) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 17(1) (a) tad-DK<br>L-Artikolu 6 tal-Istatut ta’ Ruma<br>L-Artikolu 7 tal-Istatut ta’ Ruma<br>L-Artikolu 5 tat-TFUE<br>L-Artikolu 3 tat-TFUE<br>Il-Konvenzjoni tal-1948 dwar il-prevenzjoni u l-kastig tad-delitt ta’ ġenoċidju | ▪ **QIĠ**, Applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kastig tad-delitt ta’ ġenoċidju (il-Bożnija-Ħerzegovina vs is-Serbja u l-Montenegro), 26 ta’ Frar 2007, para. 299, 319<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-05-88-T, Popović et al., (l-Awla tal-Ewwel Grad), Sentenza, 10 ta’ Ġunju 2010, para. 809–832<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-95-14-A, Prosekutur vs Blaškić, (l-Awla tal-Appelli), Sentenza, 29 ta’ Lulju 2004, para. 96–102<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-99-52-A, il-Prosekutur vs Nahimana et al. (l-Awla tal-Appelli), Sentenza, 28 ta’ Novembru 2007, para. 915–924<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-96-4-T, il-Prosekutur vs Jean-Paul Akayesu (l-Awla tal-Ewwel Grad 1), Sentenza, 2 ta’ Settembru 1998, para.,500–509, 521, 579<br>▪ **Il-Qorti tal-Appell (l-Ingilterra u Wales)**, AA-R (l-Iran) vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, [2013] EWCA Civ 835<br>▪ **It-Tribunal tal-Appelli Amministrattivi (l-Awstralja)**, SRYYY vs Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Multikulturali, [2006] AATA 320, 5 ta’ April 2006 |

## Delitt (mhux politiku) serju

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 1F(b) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra<br>L-Artikolu 12(2) (b) tad-DK<br>L-Artikolu 17(1) (b) tad-DK | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T. vs Land Baden-Württemberg, EU:C:2015:413<br>▪ **Upper Tribunal (ir-Renju Unit (Awla tal-Asil u l-Immigrazzjoni)**, AH (l-Artikolu 1F (b)), [2013] UKUT 00382<br>▪ **Il-Kumitat Ġudizzjarju tal-House of Lords (ir-Renju Unit)**, T vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, [1996] 2 All ER 865, 22 ta' Mejju 1996<br>▪ **Il-Qorti Suprema tal-Kanada**, Febles vs il-Ministru taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni, 2014, SCC 68<br>▪ **Il-Qorti tal-Appell (New Zealand)**, S vs l-Awtorità tal-Appelli dwar l-Istatus ta' Rifuġjat, CA262/97, 2 ta' April 1998 |

## Atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 1F(c) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra<br>L-Artikolu 12(2)(c) tad-DK<br>L-Artikolu 17(1)(c) tad-DK<br>Il-Karta tan-NU | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, para. 79–99<br>▪ **Il-Qorti Suprema (ir-Renju Unit)**, Al-Sirri vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, 21 ta' Novembru 2012<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, SR, Nru 611731, 27 ta' Ġunju 2008<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, Is-Sur S, Nru 11016153, 15 ta' Lulju 2014 |

## Periklu għall-komunità jew is-sigurtà tal-Istat

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 17(1)(d) tad-DK | ▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, sentenza tad-29 ta' Ġunju 2012, is-Sur A., Nru 10014511<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, sentenza tal-20 ta' Settembru 2012, is-Sur M., Nru 10018884<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, sentenza tal-21 ta' April 2011, is-Sur R., Nru 10014066<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, sentenza tal-15 ta' Frar 2013, is-Sur B., Nru 10005048<br>▪ **Il-Kummissjoni għall-Kwistjonijiet tar-Rifuġjati (Franza),** deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2006, Is-Sinjura O., Nru 533907 |

## Atti ta' natura terroristika

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 51(2) tal-Protokoll Addizzjonali I u l-Artikoli 4(2)(d) u 13(2) tal-Protokoll Protokoll Addizzjonali II<br>Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<br>Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<br>Konvenzjonijiet u Protokolli Internazzjonali li jappartjenu għat-Terroriżmu (ikklikkja hawn)<br>Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1373 (2001) [dwar theddid għall-paċi u sigurtà internazzjonali kkawżati minn atti terroristiċi.], 28 ta' Settembru 2001, S/RES/1373 (2001)<br>Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1566 (2004) dwar theddid għall-paċi u sigurtà internazzjonali kkawżati mit-terroriżmu, 8 ta' Ottubru 2004, S/RES/1566 (2004) | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, para.<br>▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof vs E u F, il-Kawża C-550/09, para. 61–62<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, Is-Sur S, Nru 11016153, 15 ta' Lulju 2014<br>▪ **Il-Qorti Nazzjonali tad-Dritt tal-Asil (Franza)**, SR, Nru 611731, 27 ta' Ġunju 2008 |

# Ir-responsabbiltà individwali

## Aspetti ġenerali

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12 tad-DK<br>L-Artikolu 17 tad-DK<br>L-Artikoli 25, 28, 30–33 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661<br>▪ **Il-Qorti Suprema (ir-Renju Unit)**, JS vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern, para. 55;<br>▪ **Il-Qorti Suprema tal-Kanada**, Ezokola *vs* il-Kanada (Ċittadinanza u Immigrazzjoni), 201, Introduzzjoni |

## Tipi ta' responsabbiltà individwali

### *Twettiq ta' att li jwassal għall-esklużjoni*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12(3) tad-DK<br>L-Artikolu 17(2) tad-DK<br>L-Artikolu 25(3)(a) tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 30 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, para. 243<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, para. 251<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-94-1, il-Prosekutur vs Dusko Tadic, (l-Awla tal-Appell), id-Deċiżjoni dwar il-Mozzjoni ta' Difiża għall-Appell Interlokutorju dwar il-Ġurisprudenza, 2 ta' Ottubru 1995, para. 188 |

### *Tqanqil ta' oħrajn biex jikkommettu l-att*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12(3) tad-DK<br>L-Artikolu 17(2) tad-DK<br>L-Artikolu 25(3)(b) tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 25(3)(e) tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 30 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-04-82-A, Prosekutur vs Boskoski u Tarculovski (Sentenza tal-Appell), 19 ta' Mejju 2010, para. 125<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-95-14/2-A, il-Prosekutur vs Dario Kordic, Mario Cerkez (Sentenza tal-Appell), 17 ta' Diċembru 2004, para. 27<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, para. 252<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-99-52-A, il-Prosekutur vs Nahimana et al. (Awla tal-Appelli), 28 ta' Novembru 2007, para. 440, 479, 482<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-99-54A-A, Jean de Dieu Kamuhanda vs Il-Prosekutur (Sentenza tal-Appell), 19 ta' Settembru 2005, para. 593<br>▪ **SCSL**, il-Kawża Nru SCSL-2004-16-A, Il-Prosekutur tal-Qorti Speċjali vs Alex Tamba Brima, Brima Bazzy Kamara, Santigie Borbor Kanu (l-akkużat tal-AFRC) (Sentenza tal-Appell), 22 ta' Frar 2008, para. 301 |

### *Għajnuna u komplicità*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12(3) tad-DK<br>L-Artikolu 17(2) tad-DK<br>L-Artikolu 25(3)(c) tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 30 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-95-13/1, il-Prosekutur vs Mrksic et al. (Sentenza tal-Appell), 5 ta' Mejju 2009, para. 49, 145–159<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-32-A, Sentenza tal-Appell, il-Prosekutur vs Mitar Vasiljevic, 25 ta' Frar 2004, para 102<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, paras. 253–256<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-94-1A, il-Prosekutur vs Dusko Tadic (Awla tal-Appelli), 15 ta' Lulju 1999, para. 229<br>▪ **ICTR,** il-Kawża Nru ICTR-2001-70-A, Rukundo vs Il-Prosekutur (Sentenza tal-Appell), 20 ta' Ottubru 2010, para. 52<br>▪ **ICTR,** il-Kawża Nru ICTR-05-088-A, Kalimanzira vs Il-Prosekutur (Sentenza tal-Appell), Sentenza, 20 ta' Ottubru 2010, para. 220<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-99-52-A, il-Prosekutur vs Nahimana et al. (Awla tal-Appelli), 28 ta' Novembru 2007, para. 482<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-96-4-T, il-Prosekutur vs Jean-Paul Akayesu (l-Awla tal-Ewwel Grad 1), 2 ta' Settembru 1998, para. 484, 545<br>▪ **SCSL**, il-Kawża Nru SCSL-04-14-A, Il-Prosekutur vs Moinina Fofana, Allieu Kondewa (l-Akkużat tas-CDF) (Sentenza tal-Appell), 28 ta' Mejju 2008, para. 72<br>▪ **Upper Tribunal (ir-Renju Unit),** MT (l-Artikolu 1F(a) — għajnuna u komplicità) iż-Żimbabwe vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern,[2012] UKUT 00015(IAC) |

### *Impriża kriminali konġunta*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12(3) tad-DK<br>L-Artikolu 17(2) tad-DK<br>L-Artikolu 25(3)(d) tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-99-36, il-Prosekutur vs Radoslav BrđJanin, — Sentenza tal-Appell, 3 ta'April 2007,<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, Il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, paras. 265–312<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-94-1-A, il-Prosekutur vs Dusko Tadic, Sentenza tal-Appell, 15 ta' Lulju 1999, paras. 190–191, 195–196, 202–204, 220, 227<br>▪ **Upper Tribunal (ir-Renju Unit),** MT (l-Artikolu 1F(a) — għajnuna u komplicità) iż-Żimbabwe vs is-Segretarju tal-Istat għall-Intern,[2012] UKUT 00015(IAC) |

***Responsabbiltà tal-kmand***

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12(3) tad-DK<br>L-Artikolu 17(2) tad-DK<br>L-Artikolu 28 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-03-68-A, il-Prosekutur vs Naser Oric (Sentenza tal-Appell), 3 ta' Lulju 2008, para. 18, 20, 177<br>▪ **ICTY**, IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al, para. 313–314<br>▪ **ICTY**, IT-95-14-T, Sentenza tal-Qorti, il-Prosekutur vs Tihomir Blaškić, 3 ta' Marzu 2000, para. 41–42, 67<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-97-20-T, il-Prosekutur vs Laurent Semanza, (Awla tal-Ewwel Grad III tal-ICTR), 15 ta' Mejju 2003, para. 401–402 |

## Stat mentali (intenzjoni u għarfien)

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 30 tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 32 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-02-60-A, Sentenza tal-Appell, il-Prosekutur vs Vidoje Blagojevic u Dragan Jokic, 9 ta' Mejju 2007, para 127<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-32-A, Sentenza tal-Appell, Prosekutur vs Mitar Vasiljevic, 29 ta' Novembru 2002, para. 71<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-98-30/1-T, Sentenza tal-Qorti, 2001, il-Prosekutur vs Miroslav Kvocka et al,para. 255.<br>▪ **ICTY**, IT-95-14-T, Sentenza tal-Qorti, il-Prosekutur vs Tihomir Blaškić, 3 ta' Marzu 2000, para. 286<br>▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-95-17/1, Sentenza tal-Qorti, il-Prosekutur vs Anto Furundzija,10 ta' Diċembru 1998, para. 246<br>▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-96-4-T, il-Prosekutur vs Jean-Paul Akayesu (l-Awla tal-Ewwel Grad 1), 2 ta' Settembru 1998, para. 523 |

## Atti li jwasslu għall-esklużjoni attribwibbli għal grupp jew reġim

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 12 tad-DK<br>L-Artikolu 17 tad-DK | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, paragrafi 88–98<br>▪ **ICTY**, IT-97-24-T il-Prosekutur vs Milomir Stakic (Sentenza tal-Qorti), 31 ta' Lulju 2003, para. 433 |

## Raġunijiet li jinnegaw ir-responsabbiltà individwali

***Kapaċità mentali biex wieħed jifhem u jikkontrolla l-imġiba proprja***

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 31(a), 31(b), tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 40(3) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal | ▪ **ICTR**, il-Kawża Nru ICTR-96-4-T, il-Prosekutur vs Jean-Paul Akayesu (l-Awla tal-Ewwel Grad 1), 2 ta' Settembru 1998, para. 523 |

### *Azzjoni taħt pressjoni*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 31(d) tal-Istatut ta' Ruma<br>L-Artikolu 33 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-96-22-A, Sentenza tal-Appell, il-Prosekutur vs Dragan Erdemovic, Appell, 7 ta' Ottubru 1997, para. 19<br>▪ **Upper Tribunal (ir-Renju Unit)**, AB (l-Artikolu 1F(a) — difiża — azzjoni taħt pressjoni) l-Iran [2016] UKUT 00376 (IAC) |

### *Awtodifiża u difiża ta' oħrajn*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 31(1)(c) tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **It-Tribunal tal-Appelli Amministrattivi (l-Awstralja)**, sentenza tas-16 ta' Ġunju 2010, Re YYMT u FRFJ (2010), 115 ALD 590 |

### *Ordnijiet minn superjur*

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 33 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **ICTY**, il-Kawża Nru IT-96-22-A, Sentenza tal-Appell, il-Prosekutur vs Dragan Erdemovic, Appell, 7 ta' Ottubru 1997 |

## Kunsiderazzjonijiet oħrajn

| Referenzi legali | Ġurisprudenza |
|---|---|
| L-Artikolu 29 tal-Istatut ta' Ruma | ▪ **QtĠ-UE**, Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, il-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09, B u D, EU:C:2010:661, paragrafi 103–105<br>▪ **Upper Tribunal (ir-Renju Unit (Awla tal-Asil u l-Immigrazzjoni)**, AH (l-Artikolu 1F (b)), [2013] UKUT 00382 |

# Riżorsi oħrajn

L-Analiżi Ġudizzjarja tal-EASO tal-Esklużjoni: l-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika (2011/95/UE) hija parti mis-Serje għall-Iżvilupp Professjonali tal-EASO għall-membri tal-Qrati u t-Tribunali u tipprovdi ħarsa komprensiva lejn il-klawżoli tal-esklużjoni minn perspettiva ġudizzjarja.

Is-sit web tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fih bażi tad-*data* kbira dwar l-istrumenti internazzjonali u l-ġurisprudenza internazzjonali u nazzjonali dwar delitti internazzjonali. Għodda utli għall-uffiċjali tal-każijiet li jindirizzaw elementi tal-kriminalità tista' tkun l-Għodda Legali tal-QKIs.

Materjali rilevanti mill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR):

- Handbook on Procedures and Criteria for Determining Refugee Status under the 1951 Convention and the 1967 Protocol relating to the Status of Refugees (kapitolu IV);
- Nota ta' Spjegazzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Klawżoli tal-Esklużjoni: l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni tal-1951 relatata mal-Istatus tar-Refuġjati
- Linji gwida dwar il-protezzjoni internazzjonali: Applikazzjoni tal-Klawżoli tal-Esklużjoni: l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni tal-1951 relatata mal-Istatus tar-Refuġjati
- Linji gwida dwar il-protezzjoni internazzjonali: Talbiet għall-asil tat-Tfal Skont l-Artikoli 1(A)2 u 1(F) tal-Konvenzjoni tal-1951 u/jew il-Protokoll tal-1967 relatat mal-Istatus tar-Refuġjati

Rigward kwistjonijiet relatati mad-dritt umanitarju internazzjonali u l-liġijiet u l-imġiba fil-kunflitti internazzjonali jew mhux internazzjonali, is-sit web tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (ICRC) jista' jkun sors rilevanti.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet b'xejn:**

- kopja waħda:
  mill-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu)
- aktar minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_en.htm);
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi mhux tal-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_en.htm);
  billi tikkuntattja s-servizz ta' Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_en.htm) jew iċċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown mingħajr ħlas minn kwalunkwe post fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni pprovduta hija bla ħlas, hekk ukoll ħafna mit-telefonati (għad li ċerti operaturi, phone boxes jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bil-flus:**

- mill-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet